**KARTA EWROPEA**

**GĦAL-LINGWI REĠJONALI U**

**TA' MINORANZA.**

**Rapport ta' spjegazzjoni**

## Rapport ta’ spjegazzjoni

**Dħul**

1. Ħafna pajjiżi Ewropej għandhom fuq it-territorju tagħhom gruppi awtoktoni regjonali li jitkellmu lingwa differenti minn dak tal-maġġoranza tal-popolazzjoni . Din hija konsegwenza ta' proċessi storiċi li biha l-formazzjoni ta' stati ma seħħitx biss permezz tal-lingwa u komunitajiet żgħar nbelgħu minn oħrajn akbar.

2. Is-sitwazzjoni demografika ta’ dawn l-ilsna reġjonali jew ta’ minoranza ivarjaw ħafna, minn ftit eluf ta’ kelliema għal bosta miljuni, bħalma hija differenti il-liġi u l-prassi ta’ stati individwali fil-konfront tagħhom. Madankollu ġara li ġara fl-imgħoddi, illum it-theddid li qegħdin jiffaċċjaw dawn l-ilsna reġjonali jew ta’ minoranza huwa kawża kemm tal-influwenza inevitabbli tal-standardizzar taċ-ċivilta’ moderna, partikolarment tal-midja tal-massa, u daqstant ieħor ta’ ambjent ostili jew ta’ politika governattiva ta’ assimilazzjoni.

3. Għal ħafna snin korpi varji fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa esprimew tħassib dwar is-sitwazzjoni tal-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Huwa minnu illi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali jistabbilixxi l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, u b’mod partikolari jikkundanna kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet bħal lingwa jew assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, għall-inqas fir-rigward tal-tgawdija tad-Drittijiet u l-Libertajiet iggarantiti mill-Konvenzjoni. Għalkemm dan huwa importanti, dan joħloq biss id-dritt għall-individwi li ma jiġux soġġetti għal diskriminazzjoni, iżda ma joħloqx sistema ta' protezzjoni pożittiva għal-lingwi ta’ minoranza u għall-komunitajiet li jitkellmuhom, kif ġie rrilevat mill-Assemblea Konsultattiva sa mill-1957 fir-Riżoluzzjoni 136. Fl-1961, fir-Rakkomandazzjoni 285, l-Assemblea Parlamentari sejħet għal miżura ta' protezzjoni li tissupplimenta il-Konvenzjoni Ewropea li għandha tkun imfassla sabiex tissalvagwardja id-drittijiet tal-minoranzi li jgawdu l-kultura tagħhom stess, li jużaw il-lingwa tagħhom stess, li jkollhom l-iskejjel tagħhom stess u l-bqija.

4. Fl-aħħar nett, fl-1981 l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adddottat Rakkomandazzjoni 928 dwar il-problemi edukattivi u kulturali tal-lingwi tal-minoranzi u tad-djaletti fl-Ewropa, u fl-istess sena il-Parlament Ewropew għadda riżoluzzjoni dwar l-istess problemi. Iż-żewġ dokumenti waslu għall-konklużjoni illi hu meħtieġ li tkun imfassla Karta tal-lingwi u kulturi reġjonali u ta’ minoranza.

5. Għab-bażi ta’ dawn ir-rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet, il-Konferenza Permanenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa (CLRAE) iddeċiediet li tibda bit-tħejjija ta’ Karta Ewropea għal-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza, minħabba r-rwol li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma mistennija li jkollhom fir-rigward ta’ lingwi u kulturi fuq livell lokali u reġjonali.

6. Il-ħidma preliminari qabel l-abbozzar attwali tal-Karta involviet stħarriġ tal-pożizzjoni attwali tal-lingwi reġjonali u ta’ minoranza fl-Ewropa u, fl-1984, għal smigħ pubbliku attandew madwar 250 ruħ li kienu jirrappreżentaw ‘il fuq minn 40 lingwa. L-abbozzar inizjali twettaq bl-appoġġ ta' grupp ta' esperti. Fid-dawl tal-interess qawwi u kontinwu tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Parlament Ewropew f'dan is-suġġett, tal-ewwel ħa sehem fl-abbozzar filwaqt illi nżammu kuntatti ma’ membri kompetenti minn tal-aħħar.

7. Fl-aħħarnett, fir-Riżoluzzjoni tagħha 192 (1988), il-Konferenza Permanenti pproponiet abbozz ta’ Karta li kienet mfassla biex ikollha l-istatus ta' Konvenzjoni.

8. Wara din l-inizjattiva, li kienet appoġġjata mill Assemblea Parlamentari fl-Opinjoni tagħha Nru 142 (1988), il-Kumitat tal-Ministri waqqaf kumitat “ad hoc” ta' esperti dwar ilsna reġjonali jew ta’

minoranza fl-Ewropa (CAHLR) bir-responsabbilta' li jabbozza Karta msejsa fuq it-test tal-Konferenza Permanenti. Dan il-kumitat intergovernattiv beda x-xogħol fl-aħħar tal-1989. Fid-dawl tar-rwol sinifikanti tagħhom bħala promoturi tal-proġett, kemm il-CLRAE kif ukoll l-Assemblea Parlamentari kienu rappreżentati fil-laqgħat. Qabel is-sottomissjoni tat-test finali tal-abbozz tal-Karta lill-Kumitat tal-Ministri fl-1992, il-CAHLR ikkonsulta ma' u ħa in kunsiderazzjoni l-opinjonijiet ta' numru ta' kumitati speċjalizzati fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa (kultura, edukazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, ko-operazzjoni legali, problemi ta' kriminalita', awtoritajiet lokali u reġjonali, tal-midja), kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tal-Liġi.

9. Il-Karta ġiet addottata bħala konvenzjoni mill-Kumitat tal-Ministri fl-478 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri fil-25 ta Ġunju 1992 u nfetħet għall-iffirmar fil-5 ta' Novembru, 1992 fi Strasburgu.

**Kunsiderazzjonijiet Ġenerali**

**Għanijiet tal-Karta**

10. Kif jingħad ċar fil-preambolu, l-għan ewlieni tal-Karta huwa wieħed kulturali. Hija mfassla sabiex tħares u tippromwovi l-lingwi reġjonali jew ta' minoranza bħala aspett mhedded mill-wirt kulturali Ewropew. Għal din ir-raġuni fiha mhux biss klawżola ta' non-diskriminazzjoni dwar l-użu ta' dawn il-lingwi iżda wkoll tipprovdi miżuri ta' appoġġ attiv għalihom: l-għan huwa li tassigura, safejn raġonevolment possibbli, l-użu tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza fl-edukazzjoni u l-midja u li tippermetti l-użu tagħhom f'kuntesti ġudizzjarji u amministrattivi, fil-ħajja ekonomika u soċjali u fl-attivitajiet kulturali. Huwa biss b'dan il-mod li dawn il-lingwi jistgħu ikunu kumpensati, fejn meħtieġ, għall-kundizzjonijiet sfavorevoli li kellhom fl-imgħoddi, u jigu ppreservati u żviluppati bħala aspett ħaj tal-identita' kulturali tal-Ewropa.

11. Il-Karta timmira li tipproteġi u tippromwovi l-lingwi reġjonali jew ta' minoranza, u mhux il-minoranzi lingwistiċi. Għal din ir-raġuni il-Karta tisħaq fuq id-dimensjoni kulturali u l-użu ta' lingwa reġjonali jew minoritarja fl-aspetti kollha tal-ħajja tal-kelliema tagħha. Il-Karta ma twaqqaf ebda dritt individwali jew kollettiv għall-kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza. Madankollu, l-obbligi tal-partijiet fir-rigward tal-istatus ta' dawn il-lingwi u l-leġiżlazzjoni domestika li tinħtieġ li tkun introdotta in konformita' mal-Karta se jkollhom effett ċar fuq is-sitwazzjoni tal-komunitajiet konċernati u tal-membri individwali tagħhom.

12. Il-CLRAE ikkonċepiet u ppreżentat l-abbozz tal-Karta qabel ma seħħ it-tibdil drammatiku fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant u fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi li dak iż-żmien kienu diġa' membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Madankollu, ir-rilevanza tal-Karta u l-approċċ tagħha għas-sitwazzjoni tal-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant fil-frattemp ġie kkonfermat mill-interess konsiderevoli espress mir-rappreżentanti ta' numru ta' dawn il-pajjiżi fit-twaqif ta' standards Ewropej dwar dan is-suġġett.

13. Filwaqt li l-abbozz tal-Karta ma jidħolx fil-problema ta' nazzjonalitajiet li jaspiraw għall-indipendenza jew ghat-tibdil fil-fruntieri, wieħed jista' jistenna li tgħin, b'mod meqjus u realistiku, sabiex ittaffi l-problema tal-minoranzi li għalihom il-lingwa hija fattur ta' distinzjoni, billi tippermettilhom li jħossuhom komdi fil-pajjiż fejn qegħdithom l-istorja. 'Il bogħod milli jsaħħaħ it-tendenzi ta' diżintegrazzjoni, it-titjib tal-possibbilta' li jintużaw lingwi reġjonali jew ta' minoranza fl-aspetti differenti tal-ħajja jista' biss iħeġġeġ lill-gruppi li jitkellmuhom biex jinsew is-sogħbiet tal-imgħoddi li żammewhom milli jaċċettaw posthom fil-pajjiż fejn igħixu u fl-Ewropa kollha kemm hi.

14. F'dan il-kuntest, ta' min jisħaq illi l-Karta ma tikkonċepix ir-relazzjoni bejn lingwi uffiċjali u lingwi reġjonali jew ta' minoranza f'termini ta' kompetizzjoni jew antagoniżmu. Pjuttost, b'dak il-ħsieb tadotta approċċ interkulturali u multilingwistiku fejn kull kategorija ta' lingwa issib postha. Dan l-

approċċ jaqbel għal kollox mal-valuri li jiddefendi l-Kunsill tal-Ewropa biex jippromwovi relazzjonijiet aktar mill-qrib bejn gruppi ta' ġnus differenti, żieda fil-kooperazzjoni Ewropea u ftehim aħjar bejn gruppi ta' ġnus differenti fi ħdan l-istess pajjiż fuq bażi interkulturali.

15. Il-Karta ma tittrattax is-sitwazzjoni ta' lingwi ġodda, ħafna drabi mhux Ewropej, li setgħu dehru fl-istati firmatarji minħabba l-flussi riċenti ta' migrazzjoni, li sikwit jirriżultaw minn raġunijiet ekonomiċi. Fil-każ tal-popolazzjonijiet li jitkellmu dawn il-lingwi, iqumu problemi speċifiċi ta' integrazzjoni. Il-CAHLR ikkunsidra li dawn il-problemi jistħoqqilhom li jiġu indirizzati separatament, u jekk ikun xieraq fi strument legali speċifiku.

16. Fl-aħħarnett, ta' min jinnota li xi Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa diġa' jimplimentaw politika li tmur lil hinn minn xi wħud mir-rekwiżiti tal-Karta. Bl-ebda mod mhemm l-intenzjoni illi d-disposizzjonijiet tal-Karta għandhom inaqqsu mid-dritt tagħhom li jagħmlu dan.

**Kunċetti u approċċ bażiċi**

*Kunċett tal-lingwa*

17. Il-kunċett ta' lingwa kif użat fil-Karta jiffoka primarjament fuq il-funzjoni kulturali tal-lingwa. Huwa għal din ir-raġuni illi mhuwiex definit b'mod soġġettiv b'mod li jikkonsagra xi dritt individwali, jiġifieri d-dritt li titkellem "il-lingwa tiegħek stess", u tħalla għal kull individwu biex jiddefinixxi din il-lingwa. Lanqas ma kien hemm dipendenza fuq xi fuq definizzjoni politiko-soċjali jew etnika, fejn wieħed seta' jiddeskrivi lingwa bħala l-vettura ta' grupp soċjali jew etniku partikolari. Konsegwentement, il-Karta tista' toqgħod lura milli tiddefinixxi l-kunċett tal-minoranzi lingwistiċi, peress illi l-għan tagħha mhuwiex li tistabilixxi d-drittijiet ta' gruppi ta' minoranza etniċi u/jew kulturali, iżda li tipproteġi u tippromwovi l-ilsna reġjonali jew tal-minoranzi bħala tali.

*Terminoloġija Użata*

18. Minflok espressjonijiet bħal "lingwi l-inqas mifruxa", l-CAHLR għażel li juża t-terminu "lingwi reġjonali jew ta' minoranza". L-aġġettiv "reġjonali" jindika lingwi mitkellma f'żona limitata tat-territorju ta' pajjiż, f'liema żona madankollu dawn jistgħu jiġu mitkellma mill-maġġoranza taċ-ċittadini. It-terminu "minoranza" jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn jew il-lingwa hija mitkellma minn persuni li mhumiex konċentrati f'żona speċifika tat-territorju ta' pajjiż, jew huwa mitkellma minn grupp ta' persuni illi għalkemm huma konċentrati f'żona speċifika tat-territorju tal-pajjiż, huwa numerikament iżgħar mill-popolazzjoni f'dan ir-reġjun li jitkellem il-lingwa tal-maġġoranza tal-istess pajjiż. Iż-żewġ aġġettivi għalhekk jirreferu għal kriterji fattwali u mhux għal kunċetti legali u f'kull każ huma marbuta mas-sitwazzjoni f'pajjiż partikolari (per eżempju, lingwa ta' minoranza f'pajjiż wieħed tista' tkun il-lingwa tal-maġġoranza f'pajjiż ieħor).

*Nuqqas ta' distinzjoni bejn "kategoriji" differenti ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza*

19. L-awturi tal-Karta kellhom jiffaċċjaw il-problema tad-differenzi kbar li jeżistu fis-sitwazzjonijiet ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza fl-Ewropa. Xi lingwi jkopru żona territorjali relattivament wiesgħa, huma mitkellma minn popolazzjoni sostanzjali, u jgawdu ċertu potenzjal ta' żvilupp u stabbilta' kulturali; oħrajn huma mitkellma biss minn proporzjon żgħir ħafna tal-popolazzjoni, f'territorju ristrett, jew f'kuntest minoritarju ferm definit u li diġa' għandhom potenzjal imnaqqas ħafna għas-sopravvivenza u għall-iżvilupp tagħhom.

20. Madankollu ġie deċiż li ma jsirx tentattiv biex tinstab definizzjoni ta' kategoriji differenti skont is-sitwazzjoni oġġettiva tagħhom. Approċċ bħal dan ma kienx jagħti kont tad-diversita' ta' sitwazzjonijiet lingwistiċi fl-Ewropa. Fil-prattika, kull lingwa reġjonali jew tal-minoranzi tikkostitwixxi

każ speċjali u huwa inutli li tipprova bilfors tpoġġihom ġo gruppi distinti. Is-soluzzjoni li ntagħżlet kienet li jiġi ppreservat l-kunċett uniku ta’ lingwa reġjonali jew ta’ minoranza, filwaqt li tippermetti lill-istati li jkunu jistgħu jadattaw l-impenji tagħhom għas-sitwazzjoni ta' kull lingwa reġjonali jew ta’ minoranza.

*Nuqqas ta’ lista ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza fl-Ewropa*

21. Il-Karta ma ma tispeċifikax liema lingwi Ewropej jikkorrispondu għall-kunċett ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza kif definit fl-ewwel artikolu tagħha. Fil-fatt l-istħarriġ preliminari tas-sitwazzjoni lingwistika fl-Ewropa imwettaq mill-Konferenza Permanenti tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa ġegħlet lill-awturi tal-Karta sabiex joqogħdu lura milli jagħmlu lista ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Kbir kemm seta’ kien l-għarfien tal-awturi, lista bħal din kienet żgur tiġi kkontestata bil-qawwa fuq raġunijiet lingwistiċi u oħrajn. Barra minn hekk, il-valur ta’ din il-lista kien ikun limitat, peress li fi kwalunkwe każ, għal dak li għandu x’jaqsam mal-miżuri speċifiċi fil-Taqsima III tal-Karta, huwa ġeneralment f'idejn il-partijiet sabiex jiddeterminaw liema dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal-liema lingwa. Il-Karta tressaq soluzzjonijiet xierqa għas-sitwazzjonijiet differenti tal-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza individwali, iżda ma tippreġudikax is-sitwazzjonijiet speċifiċi f’każijiet konkreti.

**L-istruttura tal-Karta**

22. Min-naħa waħda, il-Karta tistabbilixxi qofol komuni ta’ prinċipji, imfassla fit-Taqsima II, li japplikaw għal-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza kollha. Min-naħa l-oħra, Taqsima III fiha sensiela ta’ dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-post ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza fis-setturi varji tal-ħajja tal-komunita’: l-istati individwali huma liberi, b’ċerti limiti, biex jiddeterminaw liema minn dawn id-dispożizzjonijiet se japplikaw għal kull wieħed mill-ilsna mitkellma fi ħdan il-konfini tagħhom. Barra minn hekk, numru mhux hazin ta’ dispożizzjonijiet jinkludu bosta għażliet b’livelli ta’ riġidita’ li jvarjaw, u li wieħed minnhom għandu jiġi applikat "skont is-sitwazzjoni ta' kull lingwa".

23. Din il-flessibilita’ tieħu kont tad-differenzi kbar fis-sitwazzjonijiet *de facto* ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza (numru ta' kelliema, livell ta’ frammentazzjoni, eċċ). Tieħu kont ukoll tal-ispejjeż li jiimplikaw bosta mid-dispożizzjonijiet, u il-kapaċita’ amministrattiva u finanzjarja differenti tal-istati Ewropej. F'dan ir-rigward hu importanti li l-partijiet ikollhom il-possibilita’ li jżidu mal-impenn tagħhom aktar tard, hekk kif tiżviluppa is-sitwazzjoni legali tagħhom jew skont kemm jippermettu ċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħhom.

24. Fl-aħħarnett, it-Taqsima IV tal-Karta fiha dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, inkluż b'mod partikolari t-twaqqif ta’ kumitat Ewropew ta' esperti biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Karta.

**Kummentarju dwar id-dispożizzjonijiet tal-Karta**

**Preambolu**

25. Il-preambolu jistabbilixxi r-raġunijiet għat-tfassil tal-Karta u jispjega l-approċċ filosofiku bażiku tagħha.

26. L-għan tal-Kunsill tal-Ewropa huwa li jikseb għaqda akbar fost il-membri tiegħu sabiex jippromwovu il-wirt komuni u l-ideali tagħhom. Id-diversita’ lingwistika hija waħda mill-elementi l-aktar prezzjużi tal-patrimonju kulturali Ewropew. L-identita’ kulturali tal-Ewropa ma tistax tissejjes fuq bażi ta’ standardizzazzjoni lingwistika. Għall-kuntrarju, il-ħarsien u t-tisħiħ tal-lingwi reġjonali u tal-minoranzi tradizzjonali jirrappreżentaw kontribut għall-bini tal-Ewropa, li skont l-ideali tal-membri tal-Kunsill tal-Ewropa, jistgħu jissejsu biss fuq prinċipji pluralisti.

27. Il-preambolu jirreferi għall-Patt Internazzjonali tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u kif ukoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Barra minn hekk, hija tiċċita l-impenji politiċi addottati fi ħdan il-qafas tal-Konferenza dwar is-Sigurta' u l-Koperazzjoni fl-Ewropa. Madankollu fid-dawl tad-dgħjufija attwali ta' xi wħud mill-lingwi reġjonali jew ta' minoranza storiċi tal-Ewropa, is-sempliċi projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra minn jużahom mhix garanzija biżżejjed. Huwa meħtieġ appoġġ speċjali li jirrifletti l-interessi u x-xewqat ta' min jitkellem dawn il-lingwi għall-preservazzjoni u l-iżvilupp tagħhom.

28. L-approċċ tal-Karta jirrispetta l-prinċipji tas-sovranita' nazzjonali u tal-integrita' territorjali. Kull stat ghandu jieħu kont tar-realta' kulturali u soċjali u m'hemm l-ebda kwistjoni ta' kontestazzjoni ta' ebda ordni politiku jew istituzzjonali. Għall-kuntrarju, huwa proprju minħabba l-fatt illi l-istati membri jaċċettaw l-istrutturi territorjali u statali kif inhuma, li huma jemmnu li huwa meħtieġ, f'kull stat, iżda bi strateġija miftiehma, hemm bzonn li jittieħdu miżuri biex jippromwovu lingwi reġjonali jew ta' minoranza.

29. L-affermazzjoni tal-prinċipji ta' inter-kulturaliżmu u multilingwiżmu tikkontribwixxi sabiex titneħħa kull idea żbaljata dwar l-għanijiet tal-Karta, li bl-ebda mod ma tfittex li trawwem ebda tip ta' izolament ta' gruppi lingwistiċi. Għall-kuntrarju, huwa magħruf li f'kull pajjiż huwa meħtieġ li tkun taf il-lingwa uffiċjali (jew waħda mill-lingwi uffiċjali); konsegwentement, l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Karta ma għandha tiġi interpretata li għandha l-għan li xxekkel l-għarfien tal-lingwi uffiċjali.

### Taqsima I - Dispożizzjonijiet Ġenerali

### Artikolu 1 - Definizzjonijiet

*Definizzjoni ta' "lingwi reġjonali jew ta' minoranza" (Artikolu 1, paragrafu a)*

30. Id-definizzjoni użata fil-Karta tisħaq fuq tlett aspetti:

*Lingwi tradizzjonalment użati miċ-ċittadini tal-istat:*

31. L-għan tal-Karta mhuwiex li jsolvi l-problemi li joħorġu minn fenomeni riċenti ta' immigrazzjoni, li jwasslu għall-eżistenza ta' gruppi li jitkellmu lingwa barranija fil-pajjiż tal-immigrazzjoni jew xi kultant fil-pajjiż tal-oriġini fil-każ ta' ritorn. B'mod partikolari, il-Karta ma tittrattax il-fenomenu ta' gruppi mhux Ewropej li jkunu immigraw reċentement ġewwa l-Ewropa u ħadu ċ-ċittadinanza ta' stat Ewropew. L-espressjonijiet "lingwi reġjonali jew ta' minoranza storiċi tal-Ewropa" (ara t-tieni paragrafu tal-preambolu) u lingwi " użati tradizzjonalment" fl-istat (Artikolu 1, paragrafu a) juru b'mod ċar illi l-Karta tkopri lingwi storiċi biss, Jiġifieri lingwi li jkunu ġew mitkellma fuq medda twila ta' żmien fl-istat in kwistjoni.

*Lingwi differenti:*

32. Dawn il-lingwi jridu ikunu differenti b'mod ċar mill-bqija tal-lingwa jew lingwi l-oħra mitkellma mill-bqija tal-popolazzjoni tal-istat. Il-Karta ma tikkonċernax varjanti lokali jew djaletti differenti tal-istess lingwa waħda. Madankollu, ma titkellem xejn dwar il-punt sikwit ikkontestat dwar meta forom differenti ta' espressjoni jistgħu jitqiesu bħala lingwi separati. Din il-kwistjoni torbot mhux biss fuq konsiderazzjonijiet strettament lingwistiċi, iżda wkoll fuq fenomeni psiko-soċjoloġiċi u politiċi li jistgħu iwasslu għal tweġiba differenti f'kull każ. Għaldaqstant, jibqa' f'idejn l-awtoritajiet ikkonċernati f'kull stat, skont il-proċessi demokratiċi tiegħu stess, li jiddeterminaw meta forma ta' espressjoni tikkostitwixxi lingwa separata.

*Bażi Territorjali:*

33. Il-lingwi koperti mill-Karta huma primarjament lingwi territorjali, jiġifieri lingwi li huma tradizzjonalment użati f'żona ġeografika partikolari. Għal din ir-raguni il-Karta tfittex li tiddefinixxi "it-territorju fejn tintuża l-lingwa reġjonali jew ta' minoranza". Dan mhux biss it-territorju li fi ħdanu dik il-lingwa hija dominanti jew mitkellma mill-maġġoranza, peress li ħafna lingwi saru lingwi ta' minoranza anke f'dawk iż-żoni fejn dawn għandhom il-bażi territorjali tradizzjonali tagħhom. Ir-raġuni għaliex il-Karta hija prinċipalment kkonċernata bil-lingwi li jkollhom bażi territorjali hija li ħafna mill-miżuri illi tirrikmanda jinħtieġu definizzjoni ta' ambitu ġeografiku ta' applikazzjoni differenti mill-Istat kollu kemm hu. Ovvjament hemm sitwazzjonijiet fejn aktar minn lingwa waħda reġjonali jew ta' minoranza hija mitkellma fuq territorju partikolari; il-Karta taħseb ukoll għal sitwazzjonijiet bħal dawn.

*Definizzjoni tat-territorju ta' lingwa reġjonali jew ta' minoranza (Artikolu 1, paragrafu b)*

34. It-territorju imsemmi huwa dak fejn il-lingwa reġjonali jew minoritarja hija mitkellma b'mod sinjifikanti, anki jekk biss minn minoranza, u li jikkorrispondi għall-bażi storika tagħha. Billi t-termini użati fil-Karta f'dan ir-rigward huma bilfors x'aktarx flessibbli, jibqa' f'idejn kull stat li jiddefinixxi b'mod aktar preċiż, fl-ispirtu tal-Karta, il-kunċett tat-territorju ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza, fl-isfond tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7, paragrafu 1.b dwar il-ħarsien tat-territorju tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza.

35. Espressjoni kruċjali f'din id-dispożizzjoni hija "numru ta' nies li jiġġustifikaw l-adozzjoni tad-diversi miżuri protettivi u promozzjonali". L-awturi tal-Karta evitaw li jistabilixxu persentaġġ fiss ta' kelliema ta' lingwa reġjonali jew ta' minoranza sa liema jew 'il fuq mil-liema il-miżuri stipulati fil-Karta għandhom japplikaw. Huma ppreferew li jħallu f'idejn l-istat biex jevalwa, fl-ispirtu tal-Karta u skont in-natura ta' kull waħda mill-miżuri previsti, l-għadd xieraq meħtieġ ta' kelliema tal-lingwa għall-adozzjoni tal-miżura in kwistjoni.

*Definizzjoni ta' "lingwi mhux territorjali" (Artikolu 1, paragrafu ċ)*

36. "Lingwi mhux territorjali" huma esklużi mill-kategorija ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza minħabba nuqqas ta' bażi territorjali. F'aspetti ohra, madankollu, dawn jikkorrispondu mad-definizzjoni inkluża fl-Artikolu 1, paragrafu a, jigifieri lingwi tradizzjonalment użati fit-territorju tal-istat miċ-ċittadini tal-istat. Eżempji ta' lingwi mhux territorjali huma l-Yiddish u r-Romany.

37. Fil-nuqqas ta' bażi territorjali, parti limitata biss tal-Karta tista' tiġi applikata għal dawn il-lingwi. B'mod partikolari, ħafna mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III jimmiraw li jipproteġu jew jippromwovu ilsna reġjonali jew tal-minoranzi b'rabta mat-territorju fejn huma użati. Taqsima II tista' tiġi applikata aktar faċilment għal-lingwi mhux territorjali, iżda biss *mutatis mutandis* u skont it-termini stipulati fl-Artikolu 7, paragrafu 5.

**Artikolu 2 - Impenji**

38. L-Artikolu 2 jiddistingwi bejn żewġ partijiet ewlenin tal-Karta, jiġifieri il-Taqsima II u l-Taqsima III.

*Implimentazzjoni tal-Taqsima II (l-Artikolu 2, paragrafu 1)*

39. It-Taqsima II hija ġenerali fl-iskop tagħha tapplika kollha kemm hi għall-lingwi reġjonali jew ta' minoranza kollha mitkellma fit-territorju ta' Stat Kontarenti. Ta' min jinnota, madankollu, illi l-użu tal-espressjoni "skont is-sitwazzjoni ta' kull lingwa" juri li din it-Taqsima hija fformulata b'mod li tkopri l-varjeta' kbira ta' sitwazzjonijiet tal-lingwa li jistgħu jinsabu fid-diversi pajjiżi Ewropej u fi ħdan kull pajjiż. B'mod partikolari, fl-ewwel paragrafu l-Istati Kontraenti jintrabtu li jikkonformaw il-politika, il-leġiżlazzjoni u l-prassi tagħhom ma' għadd ta' prinċipji u għanijiet. Dawn huma definiti

b'mod pjuttost ġenerali u jħallu lill-istati kkonċernati lok wiesa' ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni (ara Spjegazzjonijiet hawn taħt dwar it-Taqsima II).

40. Għalkemm l-Istati Kontraenti mhumiex liberi li jagħtu jew li jirrifjutaw lil xi lingwa reġjonali jew tal-minoranzi l-istatus li huwa garantit taħt il-Taqsima II tal-Karta, huma responsabbli, bħala awtoritajiet għall-implimentazzjoni tal-Karta, biex jiddeċiedu jekk il-forma tal-espressjoni użata f'żona partikolari tat-territorju tagħhom, jew minn grupp ta' ċittadini tagħhom, tikkwalifikax bħala lingwa reġjonali jew minoritarja skont it-tifsira tal-Karta.

*Implimentazzjoni tal-Taqsima III (Artikolu 2, paragrafu 2)*

41. L-għan tat-Taqsima III huwa li tittraduċi l-prinċipji ġenerali affermati fit-Taqsima II f'regoli preċiżi. Din it-Taqsima torbot lil dawk l-istati kontraenti illi, minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Taqsima II, jintrabtu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III li huma jkunu għażlu. Sabiex il-Karta tkun tista' tiġi adattata għall-varjeta' ta'sitwazzjonijiet lingwistiċi li jinsabu fid-diversi pajjiżi Ewropej, l-awturi tal-Karta ħasbu għal modulazzjoni doppja: l-ewwel, l-istati huma ħielsa li jinnominaw il-lingwi il jaqblu li għalihom għandha tapplika t-Taqsima III tal-Karta; u t-tieni, għal kull waħda mill-lingwi li għalihom jaqblu li għandha tapplika il-Karta, jistgħu jagħżlu id-dispożizzjonijiet tal-Taqsima III li għalihom huma jissottoskrivu.

42. Huwa possibbli għal stat kontraenti, mingħajr ma jmur kontra l-ittra tal-Karta, li jirrikonoxxi li teżisti lingwa reġjonali jew ta' minoranza partikolari fuq it-territorju tiegħu, iżda jidhirlu għal raġunijet li jaqgħu taħt id-diskrezzjoni tiegħu, li ma għandux jestendi il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Karta għal dik il-lingwa. Iżda huwa ċar illi r-raġunijiet li jistgħu iġegħlu lil stat li jeskludi għal kollox lingwa reġjonali jew minoritarja mill-benefiċċju tat-Taqsima III, għandhom ikunu raġunijiet li huma konsistenti mal-ispirtu, l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta.

43. Ġaladarba stat ikun aċċetta li japplika t-Taqsima III għal lingwa reġjonali jew ta' minoranza mitkellma fit-territorju tiegħu, ikollu jiddetermina liema paragrafi tal-Taqsima III għandhom jiġu applikati għal dik il-lingwa reġjonali jew ta' minoranza partikulari. Taħt il-paragrafu 2 tal-Artikolu 2, il-partijiet jintrabtu li japplikaw minn tal-inqas 35-il paragrafu jew sotto-paragrafu magħżula minn fost id-dispożizzjonijiet tal-Taqsima III. Ir-rwol tal-istat fl-għażla bejn dawn il-paragrafi differenti ikun li jqarreb il-Karta kemm jista' jkun għall-kuntest partikolari ta' kull lingwa reġjonali jew tal-minoranzi.

44. Għal dan il-għan il-kondizzjonijiet stipulati mill-Artikolu 2, paragrafu 2 jinżammu għall-minimu biex jipprovdu għal tqassim raġonevoli tal-impenji tal-partijiet fost l-Artikli differenti tal-Karta u b'hekk jiżguraw li mhumiex jinjoraw ebda wieħed mill-oqsma ewlenin tal-ħarsien tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza (edukazzjoni, awtoritajiet ġudizzjarji, awtoritajiet amministrattivi u s-servizzi pubbliċi, il-midja, attivitajiet u faċilitajiet kulturali, il-ħajja ekonomika u soċjali).

45. It-terminu "paragrafi jew sotto-paragrafi" jirreferi għad-dispożizzjonijiet distinti tal-Karta li huma awtonomi. B'hekk, jekk stat jagħżel paragrafu 3 tal-Artikolu 9, dan il-paragrafu igħodd bħala unita' waħda għall-finijiet tal-Artikolu 2, paragrafu 2; l-istess japplika jekk stat jaċċetta is-sotto-paragrafu g tal-Artikolu 8, paragrafu 1. Fejn pargrafu jew sotto-paragrafu partikolari fih diversi opzjonijiiet, l-għażla ta' opzjoni waħda tikkostitwixxi sotto-paragrafu għall-finijiet tal-Artikolu 2, paragrafu 2 . Per eżempju, fl-Artikolu 8, jekk stat jagħżel opzjoni a.iii. fil-paragrafu 1, dan it-test igħodd bħala "sotto-paragrafu". Il-pożizzjoni hija differenti meta l-opzjonijiet mhumiex neċessarjament alternattivi iżda jistgħu jiġu aċċettati b'mod kumulattiv. B'hekk fl-Artikolu 9, jekk stat jagħżel l-opzjonijiet a.iii u a.iv. fil-paragrafu 1, dawn it-testi jgħoddu bħala żewġ sotto-paragrafi skont it-tifsira tal-Artikolu 2.

46. L-għan ta’dawn l-għażliet huwa li jiddaħħal element ieħor ta’ flessibilta’ ġol-Karta sabiex jittieħed kont tad-differenza wiesgħa fis-sitwazzjoni *de facto* tal-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Huwa ċar li ċerti dispożizzjonijiet li huma perfettament adattati għal lingwa reġjonali mitkellma minn numru kbir ta' kelliema, m'humiex adattati għal lingwa minoritarja mitkellma biss minn grupp żgħir ta’ persuni. Ir-rwol tal-istati għandu jkun li ma jagħżlux arbitrarjament bejn dawn l-opzjonijiet, iżda li jimmiraw li jfittxu għal kull lingwa reġjonali jew ta’ minoranza il-formulazzjoni l-aktar xierqa għall-karatteristiċi u l-istat ta’ żvilupp ta' dik il-lingwa. L-iskop ta’ dawn il-formulazzjonijiet alternattivi hija espressa b'mod ċar fit-test stess tal-Artikoli jew paragrafi rilevanti tat-Taqsima III, li jistipulaw illi huma applikabbli "skont is-sitwazzjoni ta’ kull lingwa". B'mod ġenerali, u fin-nuqqas ta’ fatturi rilevanti oħra, dan ikun jimplika, per eżempju, illi akbar kemm ikun l-għadd ta’ kelliema ta' lsien reġjonali jew ta’ minoranza u aktar kemm tkun omoġenja l-popolazzjoni reġjonali, aktar għandha tkun “b’saħħitha” l-opzjoni li għandha tiġi adottata; opzjoni aktar dgħajfa għandha tiġi adottata biss meta l-isħaħ opzjoni ma tistax tiġi applikata minħabba s-sitwazzjoni tal-lingwa in kwistjoni.

47. Għalhekk se jkun għall-istati li jagħżlu fit-Taqsima III dawk id-dispożizzjonijiet li jiffurmaw qafas koerenti adattat għas-sitwazzjoni partikolari ta’ kull lingwa. Jekk jixtiequ, jistgħu ukoll jadottaw qafas ġenerali li japplika għall-lingwi kollha jew għal grupp ta’ lingwi.

**Artikolu 3 - Arranġamenti prattiċi**

48. L-Artikolu 3 jiddeskrivi l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-prinċipji elenkati fl-Artikolu 2: kull Stat Kontraenti għandu jispeċifika fl-istrument ta’ ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija, l-ewwelnett, dawk il-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza li għalihom għandha tapplika t-Taqsima III; u t-tieni dawk il-paragrafi tat-Taqsima III li ġew magħżula biex japplikaw għal kull lingwa, bil-ftehim li l-paragrafi magħżula m'hemmx għalfejn ikunu l-istess għal kull lingwa.

49. Il-Karta, fl-Artikolu 2, ma teżiġix l-aċċettazzjoni taż-żewġ Taqsimiet II u III, peress illi stat jista’ jillimita ruħu li jirratifika l-konvenzjoni mingħajr ma jagħmel għażla tal-lingwa għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Taqsima III. F’dan il-każ, tapplika biss it-Taqsima II. B'mod ġenerali, l-ispirtu tal-Karta jitlob illi l-istati jagħmlu użu mill-possibbiltajiet offruti mit-Taqsima III, li huma l-qofol tal-protezzjoni mogħtija mill-Karta.

50. Huwa ċar ukoll li, fi kwalunkwe żmien, parti tista’ taċċetta obbligi ġodda, per eżempju, billi twessa’ għal lingwa addizzjonali reġjonali jew ta’ minoranza il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Karta jew billi jissottoskrivu, fir-rigward ta' lingwa jew il-lingwi kollha reġjonali jew ta’ minoranza mitkellma fit-territorju tagħha, għall-paragrafi tal-Karta li ma kinux ġew aċċettati qabel.

51. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 3 jieħu kont tas-sitwazzjoni f'xi stati membri fejn lingwa nazzjonali għandha l-istatus ta’ lingwa uffiċjali ta' l-istat, jew fit-territorju kollu jew f’parti minnu, tista’ tkun f'aspetti oħra f'sitwazzjoni komparabbli ma’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza kif definiti fl-Artikolu 1, paragrafu a, minħabba li tintuża minn grupp numerikament iżgħar mill-popolazzjoni li tuża l-lingwa/lingwi uffiċjali l-oħra. Jekk stat jixtieq li din il-lingwa uffiċjali anqas użata għandha tgawdi mill-miżuri ta’ protezzjoni u promozzjoni stipulati fil-Karta, huwa għalhekk jista’ jiddeċiedi illi l-Karta għandha tapplika għaliha. Dan it-twessigħ tal-applikazzjoni tal-Karta għal lingwa uffiċjali imbagħad jista’ jsir ukoll għall-artikli kollha tal-Karta, Inklużi Artikolu 4, paragrafu 2.

**Artikolu 4 - Reġimi eżistenti ta’ protezzjoni**

52. Dan l-Artikolu jittratta l-għaqda tal-Karta mal-leġiżlazzjoni domestika jew ftehimiet internazzjonali li jistabbilixxu status legali għall-minoranzi lingwistiċi.

53. Fejn xi lingwi jew xi minoranzi li jitkellmuhom diġa’ jgawdu status definit fil-liġi domestika jew taħt ftehimiet internazzjonali, l-iskop tal-Karta mhuwiex li jitnaqqsu d-drittijiet u l-garanziji rikonoxxuti taħt dawk id-dispożizzjonijiet. Iżda il-protezzjoni mogħtija mill-Karta hija addizzjonali għad-drittijiet u l-garanziji diġa’ mogħtija minn strumenti oħrajn. Għall-implimentazzjoni ta’ dawn l-impenji, fejn ikunu jeżistu dispożizzjonijiet kontrastanti fuq l-istess suġġett, l-aktar dispożizzjonijiet favorevoli għandhom jiġu applikati għall-minoranzi jew lingwi kkonċernati. B'hekk l-eżistenza ta’ dispożizzjonijiet aktar restrittivi fil-liġi domestika jew taħt ftehimiet oħrajn internazzjonali m'għandux ikun ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-Karta.

54. Il-paragrafu 1 ta’ dan l-artikolu jittratta l-każ speċifiku tad-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ifittex li jelimina l-possibilta’ li xi dispożizzjonijiet tal-Karta jistgħu jiġu interpretati b’mod li jnaqqsu mill-protezzjoni mogħtija mill-Konvenzjoni għad-drittijiet tal-bniedem tal-individwi.

**Artikolu 5 – Obbligi eżistenti.**

55. Kif diga’ indikat fil-preambolu, il-ħarsien u l-promozzjoni tal-lingwi regjonali jew ta’ minoranza li huwa l-għan tal-Karta għandu jseħħ fi ħdan il-qafas tas-sovranita’ nazzjonali u l-integrita’ territorjali. Dan l-Arikolu jagħmilha ċara f’dan ir-rigward illi l-obbligi eżistenti tal-partijiet jibqgħu l-istess. B’mod partikolari il-fatt stess illi, bir-ratifika tal-Karta, stat ikun daħal għal impenji rigward lingwa regjonali jew ta’ minoranza ma jistax jintuża minn stat ieħor, li għandu interess speċjali f’dik il-lingwa, bħala skuża biex jieħu xi azzjoni li tippreġudika s-sovranita’ u l-integrita’ territorjali tal-ewwel stat.

**Artikolu 6 - Informazzjoni.**

56. Ir-raġuni għall-impenn li tingħata informazzjoni stabbilit b’dan l-Artikolu hija li l-Karta qatt ma tista’ ssir għal kollox effettiva jekk l-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet interessati u l-individwi ma jafux x’inhuma l-obbligi li joħorġu minnha.

**Taqsima II - Għanijiet u prinċipji**

**(Artikolu 7)**

*Lista ta’ għanijiet u prinċipji inklużi fil-Karta (Artikolu 7, paragrafu 1)*

57. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw essenzjalment għanijiet u prinċipji u regoli mhux preċiżi ta’ implimentazzjoni. Dawn l-għanijiet u l-prinċipji jitqiesu li jikkostitwixxu l-qafas meħtieġ għall-preservazzjoni ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Dawn jaqgħu taħt sitt kapitli prinċipali.

*Rikonoxximent ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza (Artikolu 7, paragrafu 1.a)*

58. Din hija kwistjoni tar-rikonoxximent tal-eżistenza ta’ dawn il-lingwi u tal-leġittimita’ tal-użu tagħhom. Dan ir-rikonoxximent m'għandhux jiġi konfuż ma' rikonoxximent ta' lingwa bħala lingwa uffiċjali. L-ammissjoni tal-eżistenza ta’ lingwa hija pre-kondizzjoni għat-teħid in kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi u l-ħtiġijiet tagħha u għall-azzjoni f'isimha.

*Rispett għaż-żona ġeografika ta’ kull lingwa reġjonali jew ta' minoranza (Artikolu 7, il-paragrafu 1.b)*

59. Għalkemm il-Karta tqis li għandha tkun żgurata konsistenza bejn it-territorju ta’ lingwa reġjonali jew ta' minoranza u entita’ amministrattiva territorjali xierqa, huwa ċar li dan il-għan ma jistax jintlaħaq fil-każijiet kollha, peress illi xejriet ta’ migrazzjoni u residenza jistgħu jkunu wisq kumplessi u d-determinazzjoni tal-entitajiet amministrattivi territorjali tista’ leġittimament tiddependi fuq kunsiderazzjonijiet oħra barra mill-użu ta' lingwa. Għaldaqstant, il-Karta ma teħtieġx li t-territorju ta’ lingwa reġjonali jew ta' minoranza għandu fil-każijiet kollha jaqbel mal-unita’ amministrattiva.

60. Min-naħa l-oħra, hija tikkundanna prattiċi li jfasslu qsim territorjali b'mod li jirrendu l-użu jew is-sopravvivenza ta' lingwa aktar diffiċli jew biex jifframmentaw komunita' lingwistika f'numru ta' unitajiet amministrattivi jew territorjali. Jekk unitajiet amministrattivi ma jistgħux jiġu adattati għall-eżistenza ta' lingwa reġjonali jew ta' minoranza, dawn għandhom għall-inqas jibqgħu newtrali u ma jkollhomx effett negattiv fuq il-lingwa. B'mod partikolari, l-awtoritajiet lokali jew reġjonali għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward ta' dawn lingwi.

*Bżonn ta' azzjoni pożittiva għall-benefiċċju ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza (Artikolu 7 inċiż 1.ċ u d)*

61. Huwa ċar li llum, minħabba d-dgħjufija ta' bosta lingwi reġjonali jew ta' minoranza, is-sempliċi projbizzjoni ta' diskriminazzjoni mhijiex biżżejjed biex tiżgura s-sopravvivenza tagħhom. Huma jinħtieġu appoġġ pożittiv. Din hija l-idea espressa fil-paragrafu 1.ċ. F'dan il-paragrafu huwa f'idejn l-istati biex jiddeterminaw kif bi ħsiebhom jaġixxu biex jippromwovu lingwi reġjonali jew ta' minoranza sabiex jippriservawhom, iżda l-Karta tenfasiżża li din l-azzjoni għandha tkun waħda b'saħħitha.

62. Barra minn hekk, kif intqal fil-paragrafu 1.d, dan l-isforz ta' promozzjoni għandu jinkludi azzjoni favur il-possibbilta' li jintużaw lingwi reġjonali jew ta' minoranza liberament, kemm bil-fomm u kif ukoll bil-kitba, mhux biss fil-ħajja privata u fir-relazzjonijiet individwali, iżda wkoll fil-ħajja komunitarja, jiġifieri fi ħdan il-qafas tal-istituzzjonijiet, l-attivitajiet soċjali u l-ħajja ekonomika. Il-pożizzjoni illi lingwa reġjonali jew ta' minoranza jista' jkollha f'kuntesti pubbliċi ovvjament se jiddependi fuq il-karatteristiċi partikolari tagħha stess u se jvarjaw minn lingwa għal oħra. Il-Karta ma tfassalx għanijiet preċiżi f'dan ir-rigward, iżda tillimita ruħha li tħeġġeġ l-isforz għal promozzjoni.

*Garanzija tat-tagħlim u l-istudju ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza (Artikolu 7, il-paragrafu 1.f u h)*

63. Fattur kruċjali fiż-żamma u l-preservazzjoni ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza huwa l-istatus li jingħataw fis-sistema edukattiva. Il-Karta tllimita ruħha li fit-Taqsima II tafferma dan il-prinċipju, u tħalli f'idejn l-istati biex jiddefinixxu miżuri ta' implimentazzjoni. Madankollu, dan jitlob li l-lingwi reġjonali jew ta' minoranza jkunu preżenti "fl-istadji xierqa kollha" tas-sistema edukattiva. L-arranġamenti għat-tagħlim tal-lingwa reġjonali jew ta' minoranza ovvjament se jvarjaw skond il-livell ta' edukazzjoni kkonċernat. B'mod partikolari, f'xi każijiet, ser jenħtieġ li t-tagħlim isir "fil-" lingwa reġjonali jew ta' minoranza u f'oħrajn li jsir biss it-tagħlim "tal-" lingwa. Is-sempliċi tagħlim tal-lingwa reġjonali jew ta' minoranza fil-livelli li għalihom il-lingwa ma tkunx xierqa, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tagħha, jista' ma jiġix ikkunsidrat.

64. Filwaqt illi l-paragrafu 1.f jittratta it-twaqqif jew is-salvagwardja tat-tagħlim fil- jew tal-lingwa bħala għodda ta' trażmissjoni tal-lingwa, il-paragrafu 1.h jipprovdi għall-promozzjoni ta' studji u riċerka dwar lingwi reġjonali jew ta' minoranza f'universita' jew ambjent ekwivalenti; għaliex dan ix-xogħol huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' dawn il-lingwi f'termini ta' vokabularju, grammatika u sintassi. Il-promozzjoni ta' dawn l-istudji huwa parti mill-isforz ġenerali tal-promozzjoni tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza sabiex jitħeġġeġ il-progress intrinsiku tagħhom.

*Faċilitajiet mogħtija lil persuni mhux kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza biex jiksbu għarfien tagħhom (Artikolu 7, paragrafu 1.g)*

65. Il-kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza jafu li, għas-sodisfazzjon personali tagħhom stess, jeħtieġ li jkunu jafu l-lingwa uffiċjali. Madankollu, b'konformita' mal-enfasi mogħti fil-preambolu fuq il-valur tal-interkulturaliżmu u l-multilingwiżmu, hemm ix-xewqa li dan l-ispirtu ta' sensittivita' lejn diversi lingwi m'għandux ikun limitat għall-kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza. Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni u l-ftehim bejn il-gruppi lingwistiċi, il-partijiet huma msejħa, fit-territorji fejn teżisti lingwa reġjonali jew ta' minoranza, sabiex jipprovdu faċilitajiet għal persuni li ma jkunux kelliema nattivi ta' dik lingwa li jkunu jistgħu jitgħallmuha jekk ikunu jixtiequ.

66. Huwa magħruf sew li f'xi pajjiżi l-għan tal-awtoritajiet kompetenti huwa li l-lingwa reġjonali għandha tkun il-lingwa li normalment u ġeneralment tkun mitkellma fir-reġjun, u qed jittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-lingwa hija magħrufa anke minn nies li għalihom dik il-lingwa mhix il-lingwa ta' art twelidhom. Din il-politika ma tmurx kontra għall-Karta, iżda lanqas ma hija l-għan tal-paragrafu 1.g. Dan il-paragrafu ifittex biss li jiżgura permeabilita' reċiproka akbar bejn il-gruppi lingwistiċi.

*Relazzjonijiet bejn il-gruppi li jitkellmu lingwa reġjonali jew ta' minoranza (Artikolu 7, il-paragrafu 1.e u i)*

67. Huwa meħtieġ li l-gruppi jitkellmu l-istess lingwa reġjonali jew ta' minoranza jkollhom il-possibilita' li jinvolvu ruħhom fl-iskambji kulturali u b'mod ġenerali li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom, sabiex jikkontribwixxu flimkien għall-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-lingwa tagħhom. Għal dan il-għan, il-Karta tfittex li tevita li xejriet frammentati ta' migrazzjoni u residenza, diviżjonijiet amministrattivi fi ħdan l-istess pajjiż jew il-fatt li dawn il-gruppi igħammru f'pajjiżi differenti milli jikkostitwixxu xkiel għall-relazzjonijiet ta' bejniethom.

68. Ċertament, dan l-għarfien ta' identita' komuni bejn kelliema ta' lingwa reġjonali jew ta'minoranza m'għandux ikun rifless b'mod negattiv permezz ta' esklussivita' jew marġinalizzazzjoni fil-konfront ta' gruppi soċjali oħra. L-għan tal-promozzjoni ta' relazzjonijiet kulturali ma' kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza differenti għalhekk jilħaq il-għan kemm ta' arrikkiment kulturali kif ukoll ta' ftehim imsaħħaħ bejn il-gruppi kollha fil-pajjiż.

69. Il-paragrafu 1.i iżid dimensjoni ulterjuri: l-idea li dawn ir-relazzjonijiet għandhom ikunu wkoll kapaċi li jiżviluppaw bejn il-fruntieri nazzjonali jekk gruppi li jitkellmu l-istess jew lingwi reġjonali jew ta' minoranza, jew lingwi simili, huma mifruxa bejn bosta pajjiżi. Mid-definizzjoni tagħhom, il-lingwi reġjonali jew ta' minoranza huma mitkellma fil-pajjiż ikkonċernat minn għadd relattivament żgħir ta' kelliema: għall-iskop ta' tisħiħ reċiproku fl-isfera kulturali, dawn il-kelliema jeħtieġu li jkunu jistgħu jistrieħu fuq ir-riżorsi kulturali disponibbli, bejn il-fruntieri, għal gruppi oħra li jitkellmu l-istess lingwa jew lingwa simili. Dan hu partikolarment importanti fejn lingwa reġjonali f'pajjiż wieħed tikkorrispondi għall-lingwa ewlenija kulturali, jew saħansitra għal-lingwa nazzjonali, ta' pajjiż ieħor u fejn il-ko-operazzjoni trans-konfinali tista' tippermetti lill-komunita' reġjonali li tibbenefika mill-attivita' kulturali f'dik il-lingwa aktar mifruxa. Huwa importanti li l-pajjiżi għandhom jirrikonoxxu l-leġittimita' ta' relazzjonijiet bħal dawn u ma jikkunsidrawhomx suspettużi f'termini tal-lealta' li kull pajjiż jippretendi miċ-ċittadini tiegħu jew iqisuhom bħala theddida għall-integrita' territorjali tagħhom. Grupp lingwistiku se jħossu dejjem aktar integrat fil-pajjiż li minnu jifforma parti jekk huwa rikonoxxut bħala tali u jekk l-kuntatti kulturali mal-komunitajiet ġirien tiegħu ma jkunux imxekkla.

70. Madankollu l-istati huma ħielsa li jfasslu l-aktar arranġamenti adatti biex isiru dawn l-iskambji trans-nazzjonali, partikolarment fl-isfond tal-limitazzjonijiet domestiċi u internazzjonali li xi wħud minnhom jistgħu jiffaċċaw. Impenji aktar speċifiċi huma imnedija fl-Artikolu 14 fil-Parti III.

*Eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni (Artikolu 7, paragrafu 2)*

71. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-użu ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza tikkostitwixxi garanzija minima għall-kelliema ta' dawn l-ilsna. Għal din ir-raġuni, il-partijiet jintrabtu li jeliminaw il-miżuri li jiskoraġġixxu l-użu jew jipperikolaw iż-żamma jew l-iżvilupp ta' lingwa reġjonali jew ta' minoranza.

72. Madankollu, l-iskop ta' dan il-paragrafu mhuwiex li jistabbilixxi l-ugwaljanza sħiħa ta' drittijiet bejn il-lingwi. Kif indikat mill-formulazzjoni tiegħu, u b'mod partikolari mill-użu tat-terminu "mhux iġġustifikat", huwa fil-fatt jaqbel kemmxejn mal-ispirtu tal-Karta li fit-tmexxija 'il quddiem ta' politika li tirrigwarda lingwi reġjonali jew ta' minoranza jistgħu isiru xi distinzjonijiet bejn il-lingwi. B'mod partikolari, il-miżuri stipulati minn kull stat favur l-użu ta' lingwa nazzjonali jew uffiċjali ma jfissrux diskriminazzjoni kontra l-lingwi reġjonali għar-raġuni biss li dawn l-istess miżuri ma jittieħdux għall-

ġid tagħhom. Madankollu, miżuri bħal dawn m'għandhomx ikunu xkiel għaż-żamma jew l-iżvilupp tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza.

73. Fl-istess ħin, preċiżament minħabba li jeżistu differenzi bejn is-sitwazzjoni ta' lingwi uffiċjali u dik ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza u minħabba li dawk li jipprattikaw dawn ta' l-aħħar huma ta' sikwit żvantaġġati, il-Karta tagħraf li jistgħu jkunu meħtieġa miżuri pożittivi bil-għan li jippreservaw u jippromwovu dawn il-lingwi. Sakemm il-miżuri jkollhom għan bħal dan, u sakemm dawn ifittxu li ma jagħmlux aktar milli jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-lingwi, huma m'għandhomx jitqiesu bħala diskriminatorji.

*Promozzjoni tar-rispett reċiproku u l-ftehim bejn il-gruppi lingwistiċi (l-Artikolu 7, paragrafu 3)*

74. Ir-rispett għal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza u l-iżvilupp ta' spirtu ta' tolleranza fil-konfront tagħhom huma parti minn ħsieb ġenerali li jitkattar aktar l-għarfien tas-sitwazzjoni ta' pluralita' lingwistika fi ħdan l-istess stat. L-iżvilupp ta' dan l-ispirtu ta' tolleranza u sensitivita' permezz tas-sistema edukattiva u l-midja huwa fattur importanti fil-preservazzjoni prattiku ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza. L-inkoraġġiment lill-midja tal-massa biex jimmiraw għal għanijiet bħal dawn ma titqiesx li tikkostitwixxi influwenza mhux leġittima tal-istat; tabilħaqq, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, it-tolleranza tal-minoranzi u l-evitar ta' inċitament għall-mibegħda huma fost l-għanijiet li ħafna stati Ewropej ma joqogħdux lura milli jimponu bħala obbligi fuq il-midja. Fl-istess spirtu, għal kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza, dan il-prinċipju jikkostitwixxi fattur importanti li jġegħilhom ikunu sensitivi għall-lingwi u l-kulturi tal-maġġoranza.

*Twaqqif ta' korpi li jirrappreżentaw l-interessi ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza (Artikolu 7, paragrafu 4)*

75. Il-CAHLR ħaseb li huwa importanti li f'kull stat għandu jkunu hemm mekkaniżmi li permezz tagħhom l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu kont tal-ħtiġijiet u x-xewqat espressi mill-kelliema nfushom ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza. Konsegwentement, hemm rakkomandazzjoni li għal kull lingwa reġjonali jew ta' minoranza għandu jkun hemm korp ta' promozzjoni responsabbli biex jirrappreżenta l-interessi tal-lingwa fuq livell nazzjonali, biex iwettaq miżuri prattiċi biex jippromwovi dan il-għan, u biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Karta fir-rigward ta' dik il-lingwa partikolari. L-espressjoni "jekk meħtieġ" tindika fost ħwejjeġ oħra li, fejn diġa' jeżistu istituzzjonijiet bħal dawn f'xi forma jew oħra, mhijiex maħsuba li tħeġġeġ lill-istati biex iwaqqfu oħrajn ġodda li jirduppjahom.

*Applikazzjoni tal-prinċipji tal-Karta għal-lingwi mhux territorjali (Artikolu 7, paragrafu 5)*

76. Għalkemm il-Karta tittratta b'mod ewlieni l-lingwi li huma storikament identifikati ma' żona ġeografika partikolari tal-istat, il-CAHLR ma xtaqx li jinjora dawk il-lingwi li huma tradizzjonalment mitkellma fi ħdan il-pajjiż iżda li m'għandhom l-ebda bażi territorjali preċiża.

77. Madankollu huwa rikonoxxut li, minħabba l-ambitu ta' applikazzjoni territorjali ta' numru ta' prinċipji u għanijiet stabbiliti fit-Taqsima II u d-diffikulta' prattika biex jittieħdu miżuri sabiex jiġu implimentati mingħajr definizzjoni tal-ambitu ġeografiku tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati għal lingwi mhux territorjali mingħajr xi aġġustamenti. Paragrafu 5 għaldaqstant jispeċifika li dawn għandhom jiġu applikati biss safejn huwa possibbli għal dawn il-lingwi.

78. Uħud mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi 1 sa 4 jistgħu jiġu applikati mingħajr diffikulta' ukoll għal lingwi mhux territorjali; dan huwa l-każ fir-rigward tar-rikonoxximent ta' dawn il-lingwi, il-miżuri biex jiġi żviluppat spirtu ta' rispett, għarfien u tolleranza fil-konfront tagħhom, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni u l-azzjoni biex jingħataw appoġġ pożittiv, il-possibbilta' għall-gruppi li jitkellmu dawn il-lingwi li jiżviluppaw rabtiet ma' xulxin fi ħdan il-pajjiż u barra, u l-promozzjoni tar-riċerka u l-istudju tal-lingwa. Min-naħa l-oħra, mhux se jkun possibbli li jiġu applikati għall-lingwi mhux territorjali id-dispożizzjonijiet dwar it-taqsimiet amministrattivi u l-faċilitajiet ipprovduti għal dawk li

ma jitkellmux dawn il-lingwi biex jakkwistaw xi għarfien tagħhom, peress li dawn il-miżuri jistgħu jittieħdu biss fit-territorju partikolari. Fl-aħħar nett, l-għanijiet li jkun ipprovdut it-tagħlim u l-istudju ta' dawn il-lingwi mhux territorjali, u l-promozzjoni tal-użu tagħhom fil-ħajja pubblika, x'aktarx li, għal raġunijiet prattiċi, jistgħu jiġu implimentati biss b'xi aġġustamenti.

**Taqsima III - Miżuri li jippromwovu l-użu ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza fil-ħajja pubblika f'konformita' mal-impenji li daħlu għalihom fil-Artikolu 2, il-paragrafu 2**

**Artikolu 8 - Edukazzjoni**

79. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu għandhom x'jaqsmu biss mat-territorju li fih kull lingwa reġjonali jew ta' minoranza hija użata. Huma wkoll għandhom jiġu applikati "skont is-sitwazzjoni ta' kull waħda minn dawn il-lingwi". Kif indikat b'riferenza għall-Artikolu 2 paragrafu 2 hawn fuq, din id-dispożizzjoni hija l-aktar rilevanti għall-għażla ta' liema opzjoni tiġi aċċettata għal-liema lingwa taħt is-sotto-paragrafi a sa f.

80. Il-frażi "u mingħajr preġudizzju għat-tagħlim tal-lingwa/i uffiċjali tal-istat" hija maħsuba biex tevita kwalunkwe possibbilta' ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8, paragrafu 1 - u b'mod partikolari l-ewwel għażla f'kull wieħed mis-sotto-paragrafi a sa f - bħala li jeskludu t-tagħlim tal-lingwa/i mitkellma mill-maġġoranza. Din it-tendenza li jinħolqu *ghettos* lingwistiċi tmur kontra l-prinċipji ta' interkulturaliżmu u l-multilingwiżmu enfasiżżati fil-preambolu u tmur kontra l-interessi tal-gruppi ta' popolazzjoni kkonċernati. Fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dawk il-pajjiżi fejn il-Karta tapplika għal lingwi uffiċjali mhux daqshekk użati, din il-frażi għandha tiġi interpretata fis-sens li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għad-tagħlim ta' lingwi uffiċjali oħra.

81. L-Artikolu 8 jittratta diversi livelli ta' edukazzjoni: edukazzjoni pre-skolastika, il-primarja, is-sekondarja, edukazzjoni teknika u vokazzjonali, edukazzjoni universitarja u edukazzjoni għall-adulti. Għal kull wieħed minn dawn il-livelli, hemm ippreżentati għażliet differenti skont is-sitwazzjoni ta' kull lingwa reġjonali jew ta' minoranza.

82. Uħud mis-sotto-paragrafi jużaw l-espressjoni "f'numru li huwa meqjus biżżejjed". Dan jagħraf li l-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux ikunu marbutin li jieħdu l-miżuri kkonċernati fejn is-sitwazzjoni tal-grupp lingwistiku tagħmilha diffiċli li jintlaħaq in-numru minimu ta' studenti meħtieġa biex jiffurmaw klassi. Min-naħa l-oħra, minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza, huwa propost li l-kwota normalment meħtieġa biex tifforma klassi tista' tiġi applikata b'mod flessibbli u numru anqas ta' studenti jista' jiġi "meqjus biżżejjed".

83. Il-kliem tal-għażla iv fis-sotto-paragrafi ċ u d jieħu kont tal-fatt li s-sitwazzjonijiet nazzjonali jvarjaw f'dak li għandu x'jaqsam kemm mal-eta' maġġuri kif ukoll mal-eta' li fiha din l-edukazzjoni tista' titlesta. Skont dawn iċ-ċirkostanzi, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni ix-xewqat jew tal-istudenti nfushom jew dawk tal-familji tagħhom.

84. Huwa rikonoxxut li mhux is-sistemi kollha ta' edukazzjoni jagħżlu bejn edukazzjoni sekondarja u edukazzjoni vokazzjonali, din ta' l-aħħar tiġi sempliċement meqjusa bħala tip partikolari ta' edukazzjoni sekondarja. Madankollu, kif għamlet fis-sotto-paragrafi ċ u d, din id-distinzjoni tieħu kont tad-differenzi fis-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali. B'mod partikolari, fil-każ ta' pajjiżi fejn it-taħriġ vokazzjonali huwa prinċipalment imwettaq permezz ta' apprendistat u għalhekk huwa diffiċli biex tapplika miżuri favur lingwi reġjonali jew ta' minoranza, din għall-anqas tippermetti lill-partijiet li jaċċettaw r-rekwiżiti l-aktar stretti fil-qasam tal-edukazzjoni sekondarja ġenerali.

85. Id-dispożizzjonijiet dwar l-universita' u l-edukazzjoni adulta huma komparabbli ma' dawk għal livelli oħra ta' edukazzjoni fil-mod kif huma joffru għażla bejn it-tagħlim fil-lingwa reġjonali jew ta' minoranza u t-tagħlim tagħha bħala suġġett ta' edukazzjoni. Barra minn hekk, bħal fil-każ tal-edukazzjoni pre-skolastika, hemm soluzzjoni oħra offruta għal dawk il-każijiet li fihom l-awtoritajiet pubbliċi m'għandhom l-ebda kompetenza diretta għat-tip ta' edukazzjoni kkonċernat. F'ċerti stati, l-

għadd ta’ kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza jista' jiqies li mhux biżżejjed biex tiġi pprovduta edukazzjoni universitarja fi jew ta’ dik il-lingwa. F'dan ir-rigward, jissemma l-eżempju ta’ stati li, bis-saħħa jew ta' ftehim speċifiku jew ta’ ftehim ġenerali dwar ir-rikonoxximent ta' diplomi, jirrikonoxxu l-lawrja universitarja miksuba minn kelliem ta’ lingwa reġjonali jew ta' minoranza f'universita’ ta’ stat ieħor fejn tintuża l-istess lingwa.

86. Il-paragrafu 1.g huwa motivat minn tħassib li t-tagħlim ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza ma jiġix mifrud mill-kuntest kulturali tagħhom. Dawn il-lingwi huma spiss marbuta ma’ storja separata u tradizzjonijiet speċifiċi. Din l-istorja u l-kultura reġjonali jew ta’ minoranza tikkostitwixxi element ta' wirt Ewropew. Għalhekk hija x-xewqa ta’ dawk li ma jitkellmux dawn il-lingwi kkonċernati li xorta waħda għandhom ikollhom aċċess għalihom.

87. Fejn stat jintrabat li jiggarantixxi li lingwa reġjonali jew ta’ minoranza tiġi mgħallma, għandu jara li l-mezzi neċessarji huma disponibbli f'termini ta' finanzi, impjegati u għajnuniet għat-tagħlim. Din il-konsegwenza meħtiega mhemmx għalfejn tiġi speċifikata fl-Karta. Madankollu tqum il-kwistjoni wkoll tal-kompetenza tal-persunal u għalhekk tat-taħriġ tagħhom. Dan huwa aspett fundamentali, u huwa għalhekk li qed issir dispożizzjoni speċifika għal dan fil-paragrafu 1.h.

88. Meta wieħed iqis l-importanza fundamentali tat-tagħlim u, b'mod aktar speċifiku, tas-sistema skolastika, għall-preservazzjoni ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza, il-CAHLR dehrlu li għandu jkun hemm korp jew korpi għall-monitoraġġ ta’ dak li jkun qed isir f'dan il-qasam. Il-karatteristiċi ta’ din l-istituzzjoni ta’ superviżjoni mhumiex speċifikati fil-paragrafu 1.i. Dan jista’ għalhekk jkun korp ta’ awtorita’ edukattiva jew istituzzjoni indipendenti. Din il-funzjoni tista’ tiġi mogħtija wkoll lill-korp imsemmi fl-Artikolu 7, paragrafu 4, tal-Karta. Fi kwalunkwe każ, il-Karta titlob illi s-sejbiet ta’ dan il-monitoraġġ għandhom jkunu ppubblikati.

89. Il-Karta normalment tillimita l-ħarsien ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza għaż-żona ġeografika fejn huma tradizzjonalment mitkellma. Iżda paragrafu 2 tal-Artikolu 8 huwa eċċezzjoni għal din ir-regola. Huwa mmotivat mill-għarfien li f'ċirkustanzi moderni ta’ mobilita’, il-prinċipju tat-territorjalita’ jista’ ma jkunx aktar biżżejjed fil-prattika għall-ħarsien effettiv ta' lingwa reġjonali jew ta’ minoranza. B'mod partikolari, numru kbir ta’ kelliema ta' dawn l-ilsna ikunu emigraw lejn il-bliet il-kbar. Madankollu, fid-dawl tad-diffikultajiet involuti fit-twessigħ ta’ dispożizzjoni edukattiva għall-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza lil hinn mill-bażi territorjali tradizzjonali tagħhom, l-Artikolu 8, paragrafu 2, huwa abbozzat b'mod flessibbli skont l-impenji involuti u fi kwalunkwe każ japplika biss fejn dawn il-miżuri huma ġustifikati mill-għadd ta’ utenti tal-lingwa kkonċernata.

**Artikolu 9 - Awtoritajiet ġudizzjarji**

90. Il-paragrafu 1 ta’ dan l-artikolu japplika għal dawk id-distretti ġudizzjarji fejn in-numru ta' residenti li jużaw il-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza jiġġustifika l-miżuri kkonċernati. Dan l-arranġament jikkorrispondi parzjalment mar-regola ġenerali fil-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, li hija interessata li tipproteġi lingwi reġjonali jew ta’ minoranza fi ħdan it-territorju li fih huma tradizzjonalment użati. Għal qrati superjuri li jinsabu barra mit-territorju li fih il-lingwa reġjonali jew ta’ minoranza tkun tintuża, jitħalla imbagħad f’idejn l-istat ikkonċernat biex jieħu kont tan-natura speċjali tas-sistema ġudizzjarja u l-ġerarkija tagħha ta' każijiet.

91. Il-formulazzjoni tas-sentenza introduttorja tal-Artikolu 9, paragrafu 1, tirrifletti wkoll it-tħassib tal-CAHLR biex jipproteġi prinċipji fundamentali tas-sistema ġudizzjarja, bħall-ugwaljanza tal-partijiet u l-evitar ta’ dewmien bla bżonn fil-proċess legali, kontra l-possibbilta’ ta’ abbuż tal-faċilitajiet għar-rikors għal lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Dan it-tħassib leġittimu, madankollu, ma jiġġustifikax xi restrizzjoni ġenerali tal-impenji ta’ parti kontraenti taħt dan il-paragrafu; pjuttost, l-abbuż tal-possibbiltajiet offruti ikollu jiġi deċiż mill-imħallef f'każijiet individwali.

92. Issir distinzjoni bejn il-proċedimenti kriminali, ċivili u amministrattivi u l-għażliet previsti huma adattati għan-natura partikolari ta' kull proċediment. Kif indikat bil-kliem "u/jew", xi wħud minn dawn l-għażliet jistgħu jiġu adottati b'mod kumulattiv.

93. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9, paragrafu 1, jitrattaw proċeduri quddiem il-qrati tal-liġi. Skont l-arranġamenti partikolari għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'kull pajjiż, it-terminu "qrati" għandu, fejn xieraq, jinftiehem bħala li jkopri entitaijiet oħra li jeżerċitaw funzjoni ġudizzjarja. Dan huwa l-aktar rilevanti fil-każ tas-sotto-paragrafu ċ.

94. L-ewwel opzjoni tas-sotto-paragrafi a, b, u ċ tal-Artikolu 9, paragrafu 1, tuża l-espressjoni "imexxi l-proċedimenti fil-lingwi reġjonali jew ta' minoranza". Din l-espressjoni timplika, fi kwalunkwe każ, li l-lingwa reġjonali jew ta'minoranza rilevanti tintuża fl-awla tal-qorti u f'dawk il-proċedimenti li fihom tieħu sehem il-parti li titkellem din il-lingwa. Madankollu, huwa f'idejn kull pajjiż, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tas-sistema ġudizzjarja tiegħu, biex tiddetermina l-ambitu preċiż tal-espressjoni "imexxi l-proċedimenti".

95. Ta' min jinnota illi l-paragrafu 1.a.ii, fejn il-partijiet jintrabtu li jiggarantixxu għall-akkużat/a id-dritt li juża/tuża l-lingwa reġjonali jew ta'minoranza tiegħu/tagħha, imur lil hinn mid-dritt tal-akkużat, kif stabbilit fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3.e. tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti. Bħas-sotto-paragrafi b.ii u ċ.ii, dan huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjoni li anki jekk kelliema ta' lsien reġjonali jew ta' minoranza huma kapaċi jitkellmu l-lingwa uffiċjali, meta jiġu biex jiddefendu lilhom infushom quddiem qorti tal-liġi, huma jistgħu iħossu l-ħtieġa li jesprimu rwieħhom fil-lingwa li hija emozzjonalment eqreb għalihom jew li huma aktar mexxejja fiha. Għalhekk, ikun imur kontra l-għan tal-Karta jekk l-applikazzjoni tagħha tkun limitata għal sitwazzjonijiet ta' ħtieġa prattika. Min-naħa l-oħra, peress li din id-dispożizzjoni tmur lil hinn mill-aspett strett tad-drittijiet tal-bniedem billi fil-fatt tagħti għażla ħielsa lill-akkużat/a u titlob li jingħataw il-faċilitajiet skont id-deċiżjoni tiegħu jew tagħha, deher li jkun raġjonevoli illi l-istati jkollhom ftit diskrezzjoni jekk jaċċettawx jew le din id-dispożizzjoni u biex jillimitaw l-applikazzjoni tagħha għal ċerti distretti ġudizzjarji.

96. L-għan tal-paragrafu 1.d. huwa li jipprovdi li s-servizz ta' traduzzjoni jew interpretazzjoni li jista' jkun meħtieġ bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9, paragrafi 1.b. u ċ, għandu jkun bla ħlas. Fil-każ ta' dawk l-istati li ma jagħżlux dan is-sotto-paragrafu, jibqa' f'idejhom biex isolvu din il-kwistjoni jew skont id-dispożizzjonijiet legali eżistenti jew billi jadottaw dispożizzjonijiet speċifiċi ġodda li jieħdu kont tal-ħtieġa li jippromwovu lingwi reġjonali jew ta' minoranza. Konsegwentement, l-ispejjeż jistgħu jiġu mħallsa totalment jew parzjalment mill-persuna li tagħmel it-talba għal xi att partikolari, jew maqsuma bejn il-partijiet, eċċ

97. Il-paragrafu 2 jikkonċerna l-validita' ta' dokumenti legali mfassla b'lingwa reġjonali jew ta' minoranza. L-ambitu tiegħu huwa fil-fatt limitat peress li ma jindikax il-kundizzjonijiet kollha għall-validita' ta' dokument legali, iżda jillimita ruħu biex jistipula li l-fatt li dokument ikun abbozzat f'lingwa reġjonali jew ta'minoranza ma jistax minnu nnifsu waħdu jkun raġuni għaċ-ċaħda tal-validita' tiegħu. Barra minn hekk, ma jipprekludix stat milli jipprovdi għal formalitajiet addizzjonali f'każ bħal dan, per eżempju il-ħtieġa għal tip partikolari ta' ċertifikazzjoni li għandha tiġi miżjuda fil-lingwa uffiċjali. Paragrafu 2.b jimplika li l-kontenut tad-dokument invokat mill-parti li tuża l-lingwa reġjonali jew ta' minoranza huma mgħarrfa, direttament jew indirettament (reklam, servizz ta' informazzjoni tal-istat, eċċ) lill-parti l-oħra jew lil partijiet terzi interessati li ma jitkellmux il-lingwa reġjonali jew ta' minoranza, b'mod li huma jistgħu jifhmu.

98. L-applikazzjoni tal-Artikolu 9, il-paragrafu 2, huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta’ trattati u konvenzjonijiet dwar assistenza reċiproka fi kwistjonijiet legali, li f'kull wieħed minnhom il-kwistjoni tal-lingwi li għandhom jintużaw huma ittrattati b'mod espliċitu.

99. Il-paragrafu 3 jikkonċerna t-traduzzjoni ta’ testi leġiżlattivi fil-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Il-frażi "sakemm ma jkunux ipprovdut mod ieħor" tirreferi għal każijiet fejn it-test diġa’ jeżisti f’lingwa reġjonali jew ta’ minoranza għaliex kienet diġa’ ġiet tradotta f'lingwa simili jew identika li hija l-lingwa uffiċjali ta' pajjiż ieħor.

**Artikolu 10 - L-awtoritajiet amministrattivi u servizzi pubbliċi**

100. L-għan ta’ dan l-artikolu huwa li jippermetti l-kelliema ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini u jaqdu d-dmirijiet ċiviċi tagħhom f'kondizzjonijiet li jirrispettaw il-mod ta’ espressjoni tagħhom.

101. Id-dispożizzjonijiet huma prinċipalment imfassla biex ittejbu il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u dawk li jużaw lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Huwa minnu li s-sitwazzjonijiet soċjali u kulturali evolvew b'tali mod li l-maġġoranza kbira ħafna tal-poplu li titkellem dawn il-lingwi huma bilingwi u jistgħu jużaw lingwa uffiċjali sabiex jikkomunikaw mal-awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, li tippermetti l-użu ta’ lingwi reġjonali jew ta’ minoranza fir-relazzjonijiet ma' dawn l-awtoritajiet huwa fundamentali għall-istatus ta’ dawn il-lingwi u l-iżvilupp tagħhom u anke minn lat suġġettiv. Ovvjament, jekk lingwa kellha tigi għall kollox eskluża mir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet, tkun fil-fatt giet miċħuda bħala tali, għax il-lingwa hija mezz ta’ komunikazzjoni pubblika u li ma tistax tiġi limitata għal-isfera tar-relazzjonijiet privati biss. Barra minn hekk, jekk lingwa ma tingħatax aċċess għall-isfera politika, legali jew amministrattiva, bil-mod il-mod se titlef il-potenzjal terminoloġiku tagħha f'dak il-qasam u ssir lingwa "b'diżabilita’", li mhix kapaċi tesprimi kull aspett tal-ħajja tal-komunita’.

102. L-Artikolu 10 jiddistingwi bejn tliet kategoriji fit-tipi ta’ azzjoni meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi:

- Azzjoni mill-awtoritajiet amministrattivi tal-istat: jiġifieri l-atti tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi, speċjalment fil-forma tal-eżerċizzju tal-prerogattivi pubbliċi jew setgħat skond il-liġi ordinarja (paragrafu 1);

- Azzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġifieri l-awtoritajiet territorjali sotto-nazzjonali in ġenerali b'setgħat tat-tmexxija awtonoma (paragrafu 2);

- Azzjoni minn korpi li jipprovdu servizzi pubbliċi, kemm jekk taħt il-liġi pubblika jew privata, fejn dawn jibqgħu taħt kontroll pubbliku: servizzi postali, sptarijiet, elettriku, it-trasport, u l-bqija (paragrafu 3).

103. F'kull qasam, b'adattamenti xierqa skont in-natura speċifika tal-awtoritajiet jew il-korpi kkonċernati, ittieħed kont tad-diversita’ tas-sitwazzjonijiet lingwistiċi. F'xi każijiet il-karatteristiċi tal-lingwa reġjonali jew ta’ minoranza jippermettu li tiġi rikonoxxuta bħala lingwa "kważi-uffiċjali", u b'hekk jagħmilha, fit-territorju tagħha, lingwa li titħaddem mill-awtoritajiet pubbliċi, jew il-mezz normali ta’ komunikazzjoni tagħhom. (Ir-rikors għall-lingwa uffiċjali jew għal-lingwa l-aktar mitkellma għadha s-sitwazzjoni normali fil-kuntatti ma' persuni li ma jitkellmux il-lingwa reġjonali jew ta' minoranza.) Min-naħa l-oħra, il-lingwa tista’ għall-anqas tintuża fir-relazzjonijiet li dawn l-awtoritajiet jistgħu jkollhom ma' persuni li jindirizzawhom f'dik il-lingwa. Madankollu, fejn is-sitwazzjoni oġġettiva ta’ lingwa reġjonali jew ta' minoranza ma tagħmilx dawn is-soluzzjonijiet prattikabbli, hemm stabbiliti impenji minimi biex jissalvagwardjaw il-pożizzjoni tal-kelliema tal-

lingwa kkonċernata: applikazzjonijiet jew dokumenti bil-fomm jew bil-kitba jistgħu jiġu sottomessi fil-lingwa reġjonali jew ta' minoranza b'mod leġittimu, iżda mingħajr ma jimplikaw ebda obbligu li jitwieġbu b'dik il-lingwa.

104. L-impenji tal-partijiet fil-paragrafi 1 u 3 huma kkwalifikati bil-frażi "safejn dan ikun raġonevolment possibbli". Dan il-proviso mhuwiex maħsub li jissostwixxi l-eżerċizzju tad-dritt, mogħti lill-partijiet mill-Artikoli 2, paragrafu 2 u 3, paragrafu 1, li jħallu barra xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Parti III tal-Karta mill-impenji tagħhom fir-rigward ta' kull lingwa partikolari. Madankollu dan ifittex li jieħu kont tal-fatt li wħud mill-miżuri previsti għandhom implikazzjonijiet importanti f'termini ta' finanzi, persunal jew taħriġ. L-aċċettazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari fir-rigward ta' lingwa partikolari jimplika neċessarjament impenn li tipprovdi r-riżorsi u li tagħmel l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa sabiex din tkun effettiva. Iżda huwa magħruf li jista' jkun hemm xi ċirkostanzi fejn l-applikazzjoni totali u mhux kwalifikata tad-dispożizzjoni in kwistjoni mhijiex, jew għadha mhijiex, xi ħaġa realistika. Il-frażi "safejn dan ikun raġonevolment possibbli" tippermetti lill-partijiet li, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, jiddeterminaw f'każijiet individwali jekk dawn iċ-ċirkustanzi jeżistux.

105. It-terminoloġija tal-paragrafu 2, u b'mod partikolari l-impenn tal-partijiet li "jippermettu u/jew iħeġġu", huma fformulati b'mod tali li jittieħed kont tal-prinċipju ta' awtonomija lokali u reġjonali. Ma tfissirx li tingħata inqas importanza lill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, li jikkonċernaw l-awtoritajiet pubbliċi li huma l-eqreb lejn iċ-ċittadin. B'mod aktar ġenerali, il-CAHLR kien jaf li l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali u tista' tinvolvi spejjeż sostanzjali għal dawk involuti. Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-Karta tirrispetta l-prinċipju ta' awtonomija lokali kif definit fil-Karta Ewropea għat-Tmexxija Awtonoma Lokali, u b'mod partikolari l-Artikolu 9, paragrafu 1, li jgħid li: "L-awtoritajiet lokali għandhom ikollhom id-dritt, fil-qafas tal-politika ekonomika nazzjonali, għal riżorsi finanzjarji adegwati tagħhom stess, li minnhom huma jistgħu jiddisponu liberament fi ħdan il-qafas tas-setgħat tagħhom. "

106. Il-paragrafu 2.a. jipprovdi għall-użu ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza "fi ħdan il-qafas" tal-awtorita' reġjonali jew lokali. Din il-formulazzjoni hija maħsuba biex tindika li lingwa reġjonali jew ta' minoranza tista' tintuża bħala lingwa ta' ħidma mill-awtorita' kkonċernata; madankollu, dan ma jimplikax li tista' tintuża l-lingwa reġjonali jew ta' minoranza meta tikkomunika mal-gvern ċentrali.

**Artikolu 11 – Midja**

107. Il-ħin u l-ispazju li l-lingwi reġjonali jew ta' minoranza jistgħu jakkwistaw fil-midja huma importanti ħafna għal-ħarsien tagħhom. Illum l-ebda lingwa ma tista' żżomm l-influwenza tagħha jekk ma jkollhiex aċċess għall-forom ġodda ta' komunikazzjonijiet tal-massa. L-iżvilupp ta' dawn madwar id-dinja u l-progress tat-teknoloġija qegħdin iwasslu għat-dgħjufija tal-influwenza kulturali tal-lingwi li huma anqas mitkellma. Għall-midja ewlenija, speċjalment it-televiżjoni, id-daqs tal-udjenza huwa ġeneralment l-fattur deċiżiv. Iżda lingwi reġjonali u ta' minoranza jirrappreżentaw suq kulturali żgħir. Minkejja l-opportunitajiet ġodda offruti lilhom mill-avvanzi fit-teknoloġija tax-xandir, jibqa' l-fatt li biex ikollhom aċċess għall-midja għandhom bżonn l-appoġġ pubbliku. Madankollu, il-midja jikkostitwixxu qasam fejn l-intervent pubbliku huwa limitat u l-azzjoni permezz ta' regolamentazzjoni mhijiex effettiva wisq. L-awtoritajiet pubbliċi jaġixxu f'dan il-qasam essenzjalment permezz ta' inkoraġġiment u l-għoti ta' għajnuna. Bil-ħsieb li jiġi garantit li dawn l-inkoraġġiment u għajnuna jingħataw b'appoġġ għall-lingwi reġjonali jew ta' minoranza, il-Karta titlob lill-istati biex jimpenjaw rwieħhom fuq bosta livelli.

108. Il-miżuri previsti f'dan l-artikolu huma għall-benefiċċju tal-utenti ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza fiż-żoni ġeografiċi rispettivi ta' dawk il-lingwi. Iżda l-formulazzjoni tal-paragrafu 1 f'dan ir-rigward, li hija differenti mill-formulazzjoni f'artikoli oħra, tieħu kont tan-natura speċjali partikolarment tal-midja awdjo-viżiva. Għalhekk anki jekk il-miżuri jittieħdu b'riferenza għal territorju

partikolari, l-effetti tagħhom jistgħu jitwessgħu ferm lil hinn minnu; min-naħa l-oħra, il-miżuri m'hemmx għalfejn jittieħdu fi ħdan it-territorju in kwistjoni, bil-kundizzjoni iżda li dawn jibbenefikaw lil dawk li jgħixu hemmhekk.

109. Huwa rikonoxxut li l-awtoritajiet pubbliċi fl-istati differenti għandhom diversi livelli ta' kontroll fuq il-midja. Għal din ir-raġuni huwa speċifikat fil-paragrafi 1 u 3 li l-firxa tal-impenn tagħhom tkun iddeterminata mill-livell tal-kompetenza tagħhom, is-setgħat tagħhom jew ir-rwol leġittimu tagħhom f'dan il-qasam. Barra minn hekk, ta' min jisħaq ukoll li f'kull pajjiż ir-rwol leġittimu tal-istat fil-ħolqien tal-qafas legali u tal-kundizzjonijiet li fihom l-għan ta' dan l-artikolu jista' jinkiseb huwa limitat mill-prinċipju tal-awtonomija tal-midja.

110. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 11, jagħmel distinzjoni bejn l-impenji li huma proposti għall-benefiċċju ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza fil-qasam tar-radju u tat-televiżjoni, skont jekk jew dawn iwettqux missjoni ta' servizz pubbliku jew le. Din il-missjoni, li tista' titwettaq minn korp tax-xandir pubbliku jew privat, tinvolvi l-provvista ta' firxa wiesgħa ta' programmi li jieħdu kont tal-interessi u l-gosti ta' minoranza. F'dan il-kuntest l-istat jista' jipprovdi (per eżempju, fil-leġiżlazzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet tax-xandar) għax-xandir ta' programmi fil-lingwi reġjonali jew ta' minoranza. Is-sotto-paragrafu a jittratta din is-sitwazzjoni. Min-naħa l-oħra, fejn ix-xandir huwa maħsub purament bħala funzjoni għas-settur privat, l-istat ma jistax jagħmel aktar milli "jinkoraġġixxi u/jew jiffaċilita" (sotto-paragrafi b u ċ). Din l-aħħar sitwazzjoni tapplika biss għall-istampa miktuba (sub-paragrafu e). Fejn ikun rilevanti, l-impenn mogħti mill-partijiet jinkludi l-allokazzjoni tal-frekwenzi meħtieġa għal dawk li jxandru fil-lingwi reġjonali jew ta' minoranza.

111. Żgħir kemm hu żgħir ir-rwol tal-istat b'rabta mal-midja, normalment għall-inqas iżomm f'idejh is-setgħa li jiggarantixxi l-liberta' ta' komunikazzjoni jew li jieħu miżuri li jinvolvu t-tneħħija tax-xkiel għal din il-liberta'. Għal din ir-raġuni, il-paragrafu 2 ma fihx l-istess proviso bħall-paragrafu 1 dwar l-livell tal-kompetenza tal-awtoritajiet pubbliċi. L-impenn li dawn jiggarantixxu l-liberta' ta' twassil tas-servizz jirreferi mhux biss għax-xkiel imqiegħed apposta fit-twassil ta' programmi mxandra minn pajjiżi ġirien, iżda wkoll l-xkiel passiv li jirriżulta min-nuqqas tal-awtoritajiet kompetenti li jieħdu kull azzjoni sabiex dak it-twassil ikun possibbli.

112. Fid-dawl tal-fatt li x-xandiriet minn stat ġar ma jkunux jistgħu jkunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet leġittimi bħal dawk prodotti fit-territorju tal-parti rilevanti stess, it-tielet sentenza ta' dan il-paragrafu tintroduċi salvagwardja li hija fformulata bħall-Artikolu 10, paragrafu 2, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-liberta' tal-espressjoni. Ta' min jisħaq iżda li, fir-rigward tat-televiżjoni, għal dawk l-istati li huma partijiet għall-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transkonfinali, iċ-ċirkostanzi u kondizzjonijiet li taħthom l-libertajiet iggarantiti mill-Artikolu 11, paragrafu 2, tal-Karta jistgħu ikunu limitati għandhom ikunu determinati mill-imsemmija Konvenzjoni, b'mod partikolari mill-prinċipju ta' non-limitazzjoni tar-ritrażmissjoni fit-territorji tagħhom ta' servizzi ta' programmi li jikkonformaw mat-termini tal-Konvenzjoni dwar it-Televiżjoni Transkonfinali. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma jaffettwawx il-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet tal-awtur (copyright).

113. L-Artikolu 11, il-paragrafu 3, jipprovdi għar-rappreżentazzjoni tal-interessi tal-utenti ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza f'dawk il-korpi responsabbli għall-garanzija tal-pluraliżmu fil-midja. Jeżistu strutturi bħal dawn f'ħafna pajjiżi Ewropej. Il-kliem "jew meħuda in konsiderazzjoni" iddaħħlu bi tweġiba għall-problemi li setgħu jinqalgħu fid-deċiżjoni dwar min huma r-rappreżentanti tal-utenti ta' dawn lingwi. Madankollu, il-CAHLR kkunsidra li kien biżżejjed li l-gruppi lingwistiċi jiġu rrappreżentati bl-istess mod bħal kategoriji oħra tal-popolazzjoni. Dan jista' jsir, per eżempju, permezz tal-korpi li jirrappreżentaw lingwi reġjonali jew ta' minoranza li huma previsti fl-Artikolu 7, paragrafu 4, tal-Karta.

**Artikolu 12 - Attivitajiet u faċilitajiet kulturali**

114. F'dan il-qasam, bħal fil-każ tal-Artikolu 11, l-istati huma mitluba li jimpenjaw rwieħhom dwar sa fejn l-awtoritajiet pubbliċi għandhom il-kompetenza, is-setgħat jew rwol leġittimu, li jippermettilhom li jieħdu azzjoni effettiva. Madankollu, peress li l-awtoritajiet pubbliċi żgur għandhom influwenza fuq il-kondizzjonijiet li taħthom jintużaw il-faċilitajiet kulturali, il-Karta teħtiġilhom li jiżguraw li l-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza ikollhom post xieraq fit-tħaddim ta' dawn il-faċilitajiet.

115. Fil-paragrafu 1.a l-stati huma mitluba biex b'mod ġenerali jinkoraġġixxu dawk l-inizjattivi li huma tipiċi tal-modi ta' espressjoni kulturali speċifiċi għal lingwi reġjonali jew ta’ minoranza. Il-mezzi li bihom jista’ jingħata dan l-appoġġ huma dawk normalment imfassla għal skopijiet ta' promozzjoni kulturali. L-espressjoni "il-mezzi differenti ta' aċċess għal xogħlijiet ..." tkopri - skond it-tip ta' attivita’ kulturali kkonċernata - il-pubblikazzjoni, il-produzzjoni, il-preżentazzjoni, it-tixrid, it-trasmissjoni, u l-bqija.

116. Minħabba n-numru limitat ta' kelliema fost il-popolazzjoni, il-lingwi reġjonali u ta’ minoranza ma jkollhomx l-istess produttivita’ kulturali bħal lingwi oħra aktar mitkellma. Sabiex dawn ikunu promossi u sabiex dawk li jitkellmuhom jista’ jkollhom aċċess għal wirt kulturali vast, huwa għalhekk meħtieġ li jintużaw tekniki ta' traduzzjoni, ta’ doppjaġġ, ta’ post-sinkronizzazzjoni u ta’ sottotitolar (inċiż 1.ċ). It-tneħħija ta' ostakoli kulturali jimplika, madankollu, proċess f'żewġ direzzjonijiet. Huwa għalhekk essenzjali għall-vijabbilta’ u l-istatus ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza li xogħlijiet importanti prodotti f’dawn il-lingwi isiru magħrufa lil pubbliku aktar wiesa’. Dan huwa l-għan tal-paragrafu 1.b.

117. Fir-rigward tat-tħaddim tal-istituzzjonijiet kulturali, jiġifieri ta' korpi li l-funzjoni tagħhom huwa li jwettqu jew jappoġġaw attivitajiet kulturali ta’ kull tip, l-istati huma mitluba li jagħtu l-importanza xierqa fil-programmi ta’ dawn l-istituzzjonijiet lill-għarfien u l-użu ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza u għall-kulturi li jimxu id f’id magħhom (Artikolu 12, il-paragrafu 1.d sa f). Il-Karta ovvjament ma tkunx tista' tispeċifika kif il-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza għandhom jiġu inkorporati fl-attivitajiet ta' dawn l-istituzzjonijiet. Hija tgħid sempliċement li għandha tittieħed “konsiderazzjoni xierqa" tagħhom. Ir-rwol tal-istati f'dan il-qasam huwa ġeneralment wieħed ta' gwida u superviżjoni; huma mhumiex mitluba li jmexxu dan il-għan huma infushom, iżda sempliċement biex "jiżguraw" li dan l-għan jitmexxa.

118. Il-Karta tipprovdi wkoll għall-ħolqien għal kull lingwa reġjonali jew ta' minoranza ta' korp responsabbli għall-ġbir, l-arkivjar u t-tixrid ta' xogħlijiet f'dik il-lingwa (l-Artikolu 12, il-paragrafu 1.g). Meta wieħed iqis l-qagħda dgħajfa li fiha jinsabu ħafna lingwi reġjonali jew ta’ minoranza, huwa meħtieġ li dan it-tip ta' xogħol ikun organizzat sistematikament, bil-mod tal-organizzazzjoni jitħalla f’idejn l-istati. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu g, jista' jkun meħtieġ għal ċerti stati li jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom fuq id-depożiti u l-arkivji legali sabiex il-korp ikkonċernat ikun jista’ jieħu sehem fil-konservazzjoni ta' xogħlijiet fil-lingwi reġjonali jew ta’ minoranza.

119. L-applikazzjoni tal-Artikolu 12, paragrafu 1, tirrigwarda t-territorju li fih lingwi reġjonali jew ta’ minoranza huma użati, anke jekk huwa magħruf li fil-prattika ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom implikazzjonijiet li jwasslu lil hinn minn dak it-territorju. Madankollu, fid-dawl tan-natura tal-promozzjoni kulturali u tal-ħtiġijiet li jinħolqu barra miż-żoni li fihom il-lingwi huma tradizzjonalment użati (b'mod partikolari bħala riżultat ta' migrazzjoni interna), l-Artikolu 12, paragrafu 2, jintroduċi dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk tal-Artikolu 8 , paragrafu 2.

120. Il-pajjiżi kollha jfittxu li jippromwovu l-kultura nazzjonali tagħhom barra mill-pajjiż. Sabiex tingħata stampa sħiħa u fidila ta' din l-kultura, il-promozzjoni m'għandhiex tittraskura il-lingwi u l-kulturi reġjonali jew ta’ minoranza. Dan l-impenn, li huwa previst fl-Artikolu 12, paragrafu 3, jikkostitwixxi mod wieħed tal-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent ta' lingwi reġjonali jew ta’ minoranza inkorporat fl-Artikolu 7, paragrafu 1.a, tal-Parti II tal-Karta.

**Artikolu 13 - Il-ħajja ekonomika u soċjali**

121. Fis-sistemi ekonomiċi u soċjali li jikkaratterizzaw il-pajjiżi tal-Kunsill tal-Ewropa, l-intervent mill-awtoritajiet pubbliċi fil-ħajja ekonomika u soċjali hija l-aktar limitata għall-promulgazzjoni ta' liġijiet u regolamenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-possibbiltajiet ta' azzjoni min-naħa tal-awtoritajiet biex tara li l-lingwi reġjonali jew ta' minoranza jirċievu konsiderazzjoni xierqa f'dawn is-setturi huma limitati. Madankollu, il-Karta tipprovdi għal numru ta' miżuri f'dan il-qasam. Min-naħa waħda, hija tfittex li telimina il-miżuri li jipprojbixxu jew jiskoraġġixxu l-użu ta' dawn il-lingwi fil-ħajja ekonomika u soċjali u, min-naħa l-oħra, tipproponi għadd ta' miżuri pożittivi.

122. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13, paragrafu 1, japplikaw b'mod konkret il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni. Dan għaliex dawn huma maħsuba li japplikaw fit-territorju kollu tal-istati kontraenti u mhux biss fil-partijiet ta' dak it-territorju fejn huma użati il-lingwi reġjonali jew ta' minoranza.

123. L-Artikolu 13, il-paragrafu 2, tal-Karta jelenka bosta miżuri konkreti b'appoġġ għall-lingwi reġjonali jew ta' minoranza f'dan is-settur. Għal raġunijiet prattiċi, huma limitati għall-żoni ġeografiċi fejn dawn il-lingwi huma użati. Fir-rigward tal-proviso "safejn dan ikun raġonevolment possibbli", għandha ssir riferenza għall-ispjegazzjonijiet taħt l-Artikolu 10 hawn fuq (ara l-paragrafu 104). Fl-aħħarnett, l-impenji tal-partijiet jestendu biss safejn l-awtoritajiet pubbliċi għandhom il-kompetenza, liema proviso, madankollu, huwa rilevanti biss għas-sotto-paragrafu ċ.

**Artikolu 14 - Skambji trans-konfinali.**

124. Dan l-artikolu tespandi u jiżviluppa il-kunċett imniedi fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1.i, u għalhekk qed issir riferenza għall-ispjegazzjonijiet mogħtija hawn fuq (ara l-paragrafi 69-70).

125. F'ħafna oqsma, il-koperazzjoni trans-konfinali tiżviluppa bejn ir-reġjuni ġirien ta' stati differenti. Ta' min jinnota li f'ċerti każijiet sitwazzjoni bħal din xorta tista' titqies bħala problema fid-dawl tal-integrita' territorjali. Iżda bl-istati Ewropej issa mexjin eqreb lejn xulxin, dan il-fatt huwa opportunita' għall-istati kkonċernati biex jimpjegaw "fattur kulturali" biex itejbu l-ftehim reċiproku tagħhom. Il-Kunsill tal-Ewropa fassal abbozz preliminari ta' konvenzjoni fuq koperazzjoni trans-konfinali fil-livell lokali u reġjonali. Filwaqt li wieħed jixtieq li din il-koperazzjoni għandha tiżviluppa b'mod ġenerali, il-paragrafu b jenfasizza li dan huwa partikolarment il-każ fejn waħda u l-istess lingwa reġjonali hija mitkellma fuq kull naħa tal-konfini.

126. Il-koperazzjoni prevista tista' testendi għal kwistjonijiet bħal ġemellaġġ ta' skejjel, skambji tal-għalliema, ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u kwalifiki, l-organizzazzjoni konġunta ta' attivitajiet kulturali, aktar ċirkolazzjoni ta' assi kulturali (kotba, films, wirjiet, eċċ) u l-attivitajiet transkonfinali tal-aġenziji kulturali (kumpaniji teatrali, lecturers, eċċ). Xi kultant, jista' jkun mezz tajjeb (u b'inqas spejjeż) għall- implimentazzjoni ta' impenji li jkunu twiegħdu taħt artikoli oħra tal-Karta: per eżempju, fir-rigward tal-provvista ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni ogħla kif stipulat fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1.e, ftehim bilaterali jista' jaħseb biex l-istudenti kkonċernati ikunu jistgħu jattendu istituzzjonijiet xierqa fi stat ġar.

**Taqsima IV - Applikazzjoni tal-Karta**

**(Artikoli 15-17)**

127. Sabiex l-applikazzjoni tagħha tista' tkun immonitorjata mill-Kunsill tal-Ewropa, mill-Istati Membri tiegħu u mill-pubbliku in ġenerali, il-Karta għażlet sistema ta' rapporti perjodiċi mill-partijiet dwar l-azzjoni meħuda skont id-dispożizzjonijiet tagħha. Ir-rapporti huma trijennali; madankollu l-ewwel rapport, li huwa maħsub biex jiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza fiż-żmien meta l-Karta tidħol fis-seħħ fl-istat ikkonċernat, għandu jiġi ppreżentat fi żmien sena minn dik id-data.

128. Biex tkun żgurata l-effiċjenza ta' din is-sistema għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Karta, din taħseb għat-twaqqif ta' kumitat ta' esperti biex jeżaminaw ir-rapporti ippreżentati mid-diversi partijiet. Ser ikun possibbli wkoll għall-kumitat ta' esperti biex jiġi avviċinat minn korpi jew

assoċjazzjonijiet li jixtiequ jfornu aktar informazzjoni jew jiddeskrivu sitwazzjonijiet speċifiċi marbuta mal-applikazzjoni tal-Karta, speċjalment il-Parti III tagħha (Artikolu 16, paragrafu 2). Dawk il-korpi stabbiliti legalment f'waħda mill-partijiet kontraenti biss se jkollhom aċċess għal dan il-kumitat ta' esperti għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw dik il-parti. L-għan ta' din ir-regola huwa li jżomm gruppi li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-parti kkonċernata mill-applikazzjoni tal-Karta milli jużaw is-sistema ta' monitoraġġ imwaqqaf taħt l-istess Karta biex joħolqu diżgwid fost il-partijiet.

129. Ta' min jisħaq li din mhijiex proċedura ta' ilmenti kważi-ġudizzjarja. Il-kumitat ta' esperti għandu sempliċiment mandat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Karta u li jirċievi informazzjoni għal dan il-għan. Il-korpi msemmija fl-Artikolu 16 ma jistgħux jitolbuh biex jaġixxi bħala korp ta' appell kważi-ġudizzjarju.

130. Il-kumitat ta' esperti jista' jivverifika kwalunkwe informazzjoni sottomessa mal-istati kkonċernati u għandu jsejħilhom għal aktar spjegazzjonijiet jew informazzjoni għall-finijiet tat-twettiq tal-investigazzjonijiet tiegħu. Ir-riżultati jiġu kkomunikati lill-Kumitat tal-Ministri, flimkien mal-kummenti tal-istati kkonċernati, fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tar-rapporti tal-esperti. Għalkemm jista' jidher li, fl-interessi tat-trasparenza, dawn ir-rapporti għandhom jiġu ppubblikati awtomatikament, inħass li, peress li dawn jista' jkun fihom proposti għal rakkomandazzjonijiet li l-Kumitat tal-Ministri jista' jagħmel lil stat wieħed jew aktar, għandu jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Kumitat tal-Ministri biex jiġġudika każ b'każ sa fejn għandhom jiġu ppubblikati r-rapporti.

131. L-għadd tal-membri tal-kumitat ta' esperti se jkun l-istess bħall-għadd ta' partijiet kontraenti għall-Karta. Għandhom ikunu persuni ta' kompetenza rikonoxxuta fil-qasam tal-lingwi reġjonali jew ta' minoranza. Fl-istess waqt, peress illi tisħaq fuq l-karatteristika intrinsikament personali ta' "l-ogħla integrita'", il-Karta tagħmilha ċara li l-esperti maħtura fuq il-kumitat, fit-twettiq tal-funzjoni tagħhom, għandhom ikunu ħielsa li jaġixxu b'mod indipendenti u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-istruzzjonijiet mill-gvernijiet ikkonċernati.

132. Dan il-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Karta minn kumitat ta' esperti se jwassal għall-ġbir ta' volum ta' informazzjoni oġġettiva dwar is-sitwazzjoni ta' lingwi reġjonali jew ta' minoranza, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet speċifiċi tal-istati.

### Taqsima V - Dispożizzjonijiet finali

133. Il-klawżoli finali li jinsabu fl-Artikoli 18 sa 23 huma bbażati fuq il-klawżoli finali għal konvenzjonijiet u ftehimiet konklużi fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa.

134. Ġie deċiż li ma tiġix inkluża fost dawn id-dispożizzjonijiet finali klawsola territorjali li tippermetti lill-istati li jeskludu parti mit-territorji tagħhom mill-ambitu tal-Karta. Dan minħabba li hija diġa' karatteristika intrinsika ta' din il-Karta li hija tittratta b'mod speċjali territorji partikulari, jiġifieri dawk fejn jintużaw lingwi reġjonali jew ta' minoranza; barra minn hekk, l-istati kontraenti diġa' għandhom id-dritt, skont l-Artikolu 3, paragrafu 1, li jispeċifikaw dawk il-lingwi reġjonali jew ta' minoranza li għalihom iridu japplikaw l-impenji dettaljati tagħhom.

135. Skont l-Artikolu 21, il-partijiet għandhom id-dritt li jagħmlu riżervi biss fir-rigward tal-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 7 tal-Karta. Il-CAHLR dehrlu li l-istati kontraenti m'għandhomx ikollhom il-possibilita' li jagħmlu riżervi fir-rigward l-Artikolu 7, paragrafu 1, peress li dan il-paragrafu iħaddan l-għanijiet u l-prinċipji. Għal dak li għandu x'jaqsam mat-Taqsima III, dehrlu li, f'test li diġa' jagħti lill-partijiet għażla tant wiesgħa tal-impenji li huma jixtiequ jidħlu għalihom, riżervi bħal dawn ma jkunux f'lokhom.

136. Fid-dawl tal-importanza tas-suġġett tal-Karta għal bosta stati li mhumiex, jew għadhom mhumiex, membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ġie deċiż li l-Karta għandha tkun konvenzjoni miftuħa, li għaliha jistgħu jiġu mistiedna biex jaċċedu stati li mhumiex membri (Artikolu 20).